IR-RABA' KTIEB
TA' L-ERBGĦA U
ERBGĦIN SENA

DIĊEMBRU-
1968

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

## L-AKKADEMJA TAL-MALTI

(GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI)

KULL TLIET XHUR

### KITBA U KITTIEBA F'DAN IL-GĦADD

L-EDITUR — Kitba tal-Malti fl-Imgħoddi ... ... ... faċċ. 97
Dun ĠUŻEPP ABELA — *Għada* ... ... ... ... ... ,, 99
Prof. Dr. ĠUŻE' GALEA, M.B.E., M.D., F.R.S.H. —
Ruħ Imnikkta ... ... ... ... ... ... ... ,, 100
OLIVER FRIGGIERI, B.A. — *B'Salibi* ... ... ... ,, 103
A. CREMONA, D.Litt. (Hon. Causa) —
Meta l-Qalb ma Tweġibx ... ... ... ... ... ,, 104
PAWLU CACHIA — *Is-Sena l-Oħra* ... ... ... ... ,, 111
ALFRED DEGABRIELE, B.A. — *Ma Jdumx id-Dlam!* ... ,, 112
A. CREMONA, D.Litt. (Hon. Causa) — *Fittixt Dar Oħra* ... ,, 114
KARMENU ELLUL GALEA —
L-Aħħar Jum tal-Karnival ... ... ... ... ... ,, 115
Rev. A. TABONE, J.C. & Th. —
Il-Ħarba ta' Ġesù fl-Eġittu ... ... ... ... ,, 120
P. ALB. SAMMUT, O.F.M. Conv. —
*Eħlisni, Għajn ta' Tjieba* ... ... ... ... ... ,, 122
JOSEPH SCIBERRAS — *Ġmiel?* ... ... ... ... ... ,, 123
Reċensjonijiet ... ... ... ... ... ... ... ,, 124
Werrej tas-Sena 1968 ... ... ... ... ... ... ,, 127

**DIRETTUR: Prof. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.,**
**34/14, Triq id-Dejqa, Valletta.**

**ASSISTENT DIRETTUR: A. Cremona, Hon. D.Lit.,**
**53, Triq Wara Sant'Ubaldeska, Paola.**

**SEGRETARJU ONORARJU: Gudfrey Zarb Adami,**
**18, St. Christopher Street — Valletta.**

*Kull korrispondenza għandha tinbagħat lis-Segretarju Onorarju.*

*All communications should be addressed to the Hon. Secretary.*

*Ogni corrispondenza da spedirsi al Segretario Onorario.*

*Toute correspondance doit être envoyée au Secrétaire Honoraire.*

---

*Ħlas ta' IL-MALTI: 4/- fis-sena. Ktieb wieħed: 1/-.*
*Il-ħlas tar-Rivista jinbagħat lil:*
*Victor Apap, 22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.*

---

*LILL-MEMBRI AKKADEMIĊI*

*U*

*LILL-IMSEĦBIN TA' "IL-MALTI"*

*NAGĦTU L-AQWA U L-ISBAĦ XEWQAT*

*GĦAL*

*SENA MIMLIJA HENA U RIZQ*

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ — DIĊEMBRU

L-AKKADEMJA TAL-MALTI — 1968

# KITBA TAL-MALTI FL-IMGHODDI

*Dawk li jħobbu jmaqdru l-ilsien tagħna dejjem iħambqu li l-Malti mhux ilsien letterarju għax ma għandux storja ta' kitba li tieħu sażżminijiet tal-qedem. Minn għalihom il-kitba bil-Malti bdiet wara li ġew l-Ingliżi u kienu jinqdew biha dawk ta' bla skola u għal ħtiġijiet baxxi. Huma jgħidu li l-ilsien tagħna ħa xejra letterarja fl-aħħar seklu li għadda u tawh din is-sura għal skop politiku.*

*Din, fi ftit kliem, hi l-fehma ta' dawk li ma jafux x'isarraf il-Malti, jew li għal xi tir ta' moħħhom jixtiquh imżeblaħ u mwarrab mill-ħajja tal-poplu ta' dawn il-Gżejjer. Imma din il-fehma llum waqgħet fix-xejn l-ewwelnett għax il-Malti kiber u xtered b'ħeġġa kbira u ħa sura nazzjonali, sura li hi mera tar-ruħ u tal-qalb tal-ġens Malti kif ukoll tal-ħajja fi gżiritna. Illum il-letteratura Maltija tqawwiet u għoliet tant li tista' toqgħod maġenb letteratura ta' nazzjonijiet oħra għal dak li hu kunċett kif ukoll għal dik li hi espressjoni.*

*Imma hawn ma biħsiebniex niktbu fuq l-għamla tal-letteratura Maltija, imma nixtiequ biss nuru l-iżball li għandhom dawk li jaħsbu li x-xejra letterarja tal-Malti hi ħaġa moderna. Nistqarru li sa ftit tażżmien ilu ma konniex nafu b'kitba bil-Malti li għandha mijiet ta' snin, imma billi ma konniex nafu bihom ma jfisserx li ma kinux jeżistu. Ir-raġuni hi li ma kienx hawn tfittix siewi u bil-għaqal biżżejjed. Tant hu veru dan, li meta kien hawn nies kapaċi li nxteħtu għal dan ix-xogħol ta' reqqa u ta' sabar, u baqgħu jsusu għal bosta snin, x'uħud minnhom seħħilhom isibu f'reġistri jew f'dokumenti antiki kitbiet bil-Malti li jixħtu dawl qawwi fuq l-ilsien tagħna fil-qedem.*

*Ftit jiem ilu qrajna ktieb "Cantilena", dwar poeżija qadima bil-Malti miktuba xi ħames mitt sena ilu. Dik kienet xorti kbira li sirna nafu b'dik il-poeżija bil-Malti li teħodna fiż-żmien bikri meta f'nazzjonijiet oħra l-ilsna tagħhom kienu qegħdin jieħdu xejra letterarja; jiġifieri li fiż-żmien meta f'pajjiżi oħra beda t-tqanqil għat-tixtil letterarju tal-"lingua volgare", f'din il-gżira tagħna nħasset ukoll il-ġibda għall-kelma Maltija. Is-Sur G. Wettinger u Patri M. Fsadni li sabu din il-poeżija bil-Malti tal-qedem, kixfu radda Maltija li twassal lura għal ħames mitt sena fl-istorja letterarja ta' pajjiżna, u għalhekk ħaqqhom kull ġieħ u foħrija.*

*Qabel dawn iż-żewġ studjużi, ċerkatur ieħor ta' l-ilsien Malti, is-Sur Nin Cremona, fl-istħarriġ tiegħu kien iltaqa' ma' poeżija oħra miktuba bil-Malti xi tliet mitt sena ilu, fi żmien il-Gran Mastru Nikol Cottoner. Is-Sur Ġużè Cassar Pullicino wkoll fir-riċerki li għamel fuq*

*kitba u kittieba tal-Malti, iltaqa' ma' persunaġġi letterati li twieldu f'din il-gżira saħansitra fi żmien il-Għarab fuq l-elf sena ilu, u wara li semma manuskritti bil-Malti miktubin minn Dun Franġisk Wizzino, Dun Ġwann Cachia u l-Kanonku Agius De Soldanis, kiteb ukoll dwar kurunelli u priedki bil-Malti, kif ukoll poeżija ta' De Soldanis, kollha bil-Malti ta' xi mitejn sena ilu. Barra dawn l-istudjużi Maltin, wieħed għaref Taljan, Luigi Bonelli, kien iltaqa' ma' xi priedki miktubin bil-Malti tas-seklu XVIII u ippubblika xi tnejn minnhom.*

*Dawn ix-xogħlijiet letterarji li semmejna nstabu manuskritti, imma barra dawn għandna kitba oħra ta' proża u poeżija stampata bil-Malti fiż-żmien l-imgħoddi, fosthom insibu lista ta' kliem Malti bit-tifsira tiegħu bil-Ġermaniż miġburin minn Hieronymus Megiserus, vjaġġatur Tedesk, fl-1588 u ippubblikati fl-1611. Lista aktar twila ta' kliem Malti mfisser bl-Ingliż u bil-Latin, kien ġabar il-vjaġġatur Ingliż Philip Skiffon meta ġie Malta fl-1664, u li mbagħad kienet imdaħħla fil-ġabra ta' vjaġġi ippubblikata f'Londra fl-1732. Fl-1791 ħareġ ktieb fuq Malta bil-Franċiż li fih xi poeżiji bil-Malti. Agius de Soldanis fil-ktieb tiegħu dwar il-"Lingua Punica", li stampa f'Ruma, fl-1750, kien daħħal ħafna kliem u espressjonijiet bil-Malti. Fl-1725 ħarġet it-talba "Missierna", miġbura minn fomm il-poplu minn J.H. Maio. Imma l-aktar ktieb magħruf bħala ktieb tat-talb hu t-"Tagħlim Nisrani", li kien stampat l-ewwel darba f'Ruma fl-1752.*

*Dawn l-aħħar żewġ xogħlijiet ta' devozzjoni huma prova li wkoll f'dawk iż-żminijiet imbiegħda, ma kienu jsibu xejn aħjar mill-ilsien Malti biex igħallmu lill-kotra Maltija. Din il-ħtieġa kienet tinħass bħalma għadha tinħass illum u tibqa' tinħass sakemm idum jiġri demm Malti fil-poplu ta' dawn il-Gżejjer.*

*Dari kien hawn idea li fi żmien il-Gran Mastri qatt ma kienu ħarġu mill-istamperija tagħhom kotba bil-Malti, għax il-kitba mexxejja kienet biss f'ilsna barranin, imma dan l-aħħar aħna ltqajna ma' ktejjeb li jwaqqa' dik l-idea żbaljata. Il-ktieb li ltqajna miegħu aħna jismuh "Il Via Sagra u t-Triek Għażiża li Għamel Sidna u Mulejna Ġesù Cristu", u kien stampat fl-Istamperija tal-Gran Mastru, fl-1796. Dan il-ktieb ta' devozzjoni kien ħareġ "bil-Malti għal ġit tad-devoti tal passioni ta Sidna Gesù Cristu", biex jaqdi lil dawk il-fidili li kull fil-għaxija kienu jmorru l-knisja għat-talb tal-Via Sagra, u li ma kinux jafu ħlief bil-Malti. Il-kitba hi ta' stil mexxej u ħarkien, bla tirqim żejjed, bla tlellix u bla tiġbid, imma jqanqal il-qalb u jħeġġeġ ir-ruħ. Inġibu żewġ siltiet biex nuru l-ħeġġa u l-ħlewwa ta' l-istil:*

> *"Nitolbu lil Ġesù u lil l'Ommu li jiltakghu maghna, biex jhennnuna fir-Ruejhha taghna."*

*"Nitolbu lil Gesù li jghinna bil grazia tieghu, biex nerfghu bis-sabar is-salib tal penitenza, u t-tbatia li jibaghtinna."*

*Il-fehma tagħna hi li l-poplu Malti fil-ferħ u fin-niket, fit-talb u fl-imħabba dejjem u minn dejjem, ma sabx aħjar mill-ilsien tiegħu l-Malti biex ifisser it-tqanqil ta' ruħu u l-ġibdiet ta' qalbu.*

---

ROYAL UNIVERSITY OF MALTA MAIN LIBRARY

# GĦADA

*Ta'* Dun ĠUŻEPP ABELA (Melbourne)

Aktar m'għadhiex titbandal bejn il-friegħi
Il-frotta ħamranija; issa nġabret
Fil-kaxex ta' l-injam, u se jsifruha
Lejn artijiet imbiegħda, 'l hinn minn ħdanek,
Minn ħdanek, j'Omm, minn ħdanek, siġra sfajra,
Int li nissiltha, int li għajjixtha; u kibret
Bħal ħutha l-oħra bil-mijiet, bl-eluf.

Issa dik l-id li drat tisraq bis-sengħa
Lil dawk l-ulied li kibru taħt għajnejk
Ħallietek waħdek, w int stennejt ħosbiena,
Lil min ħassarlek l-aħħar fdal ta' ġmielek,
Lil min ħalliek mistħija f'dan il-ġnien.

Hemm l-aħħar werqa fuq dirgħajk titriegħed,
Iddur, tiltewa, biex il-bewsa taħrab
Ta' żiffa oħra qarrieqa li dalwaqt
Tifridkom minn xulxin, u l-aħħar werqa
Tinżel titkaxkar qalb il-ħmieġ u t-tajn.

U għada l-ebda għasfur m'hu ġej iserraħ
Fuq dawk dirgħajk nexfin; u ħadd ma jfittex
Il-kenn ħdejn ħoġrok; għada n-nies ser tgħaddi
Tiddieħek bik, bil-kruha ta' xjuħitek.

Imm' għada toqrob jum lejn ir-Rebbiegħa.
Għada tkattar il-frott, il-friegħi, l-weraq.
Għada ser tilbes libsa ġdida w isbaħ.

7.7.54.

# RUH IMNIKKTA

*Novella ta'* Ġużè' Galea

Ilu, imma ilu żmien twil, meta l-kampanja ta' Malta ma kinetx imgħammra bid-djar u n-nies kif inhi llum, f'wieħed mill-widien qrib raħal kienu għamlu l-bejta tagħhom erba' ħallelin: irġiel mill-agħar, bla raj u bla ħniena. Kienu jgħixu bis-serq u bil-qtil u kienu werwru lil kull min kien joqgħod in-naħa tagħhom.

In-nies tar-raħal malli jidlam kienu jinġabru f'darhom u l-bdiewa ta' fuq il-wied kienu jissakkru fl-irziezet u anqas kienu jissugraw ikellmu lil dawk l-erba' saħta t'Alla jekk jidħlu fir-raba' tagħhom jisirqu bhejjem u wċuħ. In-nies kienu mixgħufin għax kull min għolla leħnu jew tkellem dwar il-ħell ta' dawk l-erba' egħfiered, sab ruħu f'għilt kbir u f'periklu ta' ħajtu jew ħajjet niesu. In-nies tal-ħaqq ma kinux jistgħu jmiddu idejhom fuq dawk il-manigoldi għax dawn kellhom il-wisa' fejn jaħarbu u jistaħbew qalb is-siġar, il-blat u l-għerien tal-wied u miskin hu min kien jersaq lejhom qalb dak it-twegħir u tfixkil għax kien jilgħab ħajtu.

Ftit bogħod mill-wied, fit-triq li tieħu għar-raħal, kien joqgħod raġel f'razzett, kien igħix waħdu u ma kien jagħmilha ma' ħadd; ma kienx jagħmel id-deni lil għajru, iżda anqas ma kien iħabbel rasu biex jagħmel il-ġid lill-proxxmu; ma kellu għożża lejn ħadd imma anqas ma kellu għira; ma kienx jaf imur man-nies, kien imqit u flok jifraħ kien jidħol f'qoxortu meta l-ġirien jersqu lejh biex ikellmuh jew igħaddu ftit taż-żmien miegħu, kien igħix miġbur fih innifsu qisu dudu ġewwa fosdqa.

Darba waħda f'lejla sajfija ta' qamar kwinta dak il-bidwi solitarju kien fit-tieqa tal-għorfa jħares lejn it-triq ta' quddiemu u lejn il-wied ta' taħtu, ma kien qiegħed jaħseb f'xejn għax ma kellu ġibda lejn ħadd, imma għajnejh kienu jseqqru għax ma kien jafda l-ebda ħolqien. F'daqqa waħda, dak il-misantropu nħasad u tawwal għonqu 'l barra għax qalb is-siġar ra bħal dellijiet jaqbżu minn wara l-ħajt tas-sejjieħ u jimxu mal-mogħdija li tieħu għat-triq.

Dak ir-raġel għafsi mill-ewwel intebaħ li dawk id-dellijiet li ra kienu l-erba' ħallelin li mid-dehra kienu ħarġu mill-bejta tagħhom biex jagħtu xi kolp faħxi u billi hu ma riedx idendel kusu magħhom, inġibed lura biex jidħol fil-għorfa u jagħlaq it-tieqa, iżda dak il-ħin sewwa sama' tqawqib quddiem il-bieb tar-razzett u ra raġel riekeb fuq iż-żiemel sejjer lejn il-mogħdrija mnejn kienu ġejjin l-isqra tal-wied.

L-ewwel ħsieb li għadda minn moħħ il-bidwi kien li jwissi lir-raġel taż-żiemel biex jerġa' lura u jaħrab mill-erba' qattelin li kienu resqin lejh, imma mbagħad l-egojiżmu għelbu u daħal fil-għorfa ġwejjed u ħiemed.

* * *

Il-ħallelin qabżu fuq dak taż-żiemel: wieħed minnhom ħataf ir-riedni, u ieħor b'daqqa ta' ħatar qaleb lir-rikkieb u tefgħu fl-art, imma dan ma kienx raġel merħi, fajjar daqqtejn b'saħħtu kollha lil min sab quddiemu u telaq jiġri biex idabbar rasu. Il-ħallelin b'ħafna ħalf u dagħa, telqu warajh miklubin għal demmu. Ir-raġel kif kien mitluf u mwerwer ġera lejn ir-razzett u beda jħabbat b'idejh it-tnejn fuq il-bieb u jitlob l-ajjut, iżda dawk l-ilpup feroċi laħquh, nifduh bis-skieken, ħatfulu kulma kellu, ħallewh stendut fl-art u daru biex jaħarbu, iżda dak il-ħin sewwa lemħu jintefa f'daqqa d-dawl li kien ħiereġ mit-tieqa tal-għorfa, u dawk il-qlub xierfa kif kienu mferfrin, intilfu f'dagħdigħa ta' qilla.

"Kien hemm xi ħadd jarana!"
"Dak għarafna!"
"Dak jikxifna!"
"Jekk ma neħilsux minnu l-forka tirbaħna".

Qalu l-erbgħa b'nifs wieħed u, mal-kelma d-daqqa, sfrundaw il-bieb tar-razzett, telgħu fil-għorfa, sabu lil dak il-bidwi beżżiegħi u f'radda ta' salib bagħtuh id-dinja l-oħra.

Imma fid-dinja l-oħra r-ruħ ta' dak ir-raġel li qatt ma kien fittex igħin lil għajru, ma sabitx min jifthilha l-bieb u kienet ikkundannata li tibqa' tħuf fin-naħiet ta' fejn għexet sakemm teħles lil xi ħadd li jkun dieħel fil-periklu tal-mewt, ħalli tpatti għal meta naqset li tagħmel hekk meta kenet tgħix f'din id-dinja.

Hekk ir-ruħ ta' dak ir-raġel ġifa baqgħet bla faraġ u bla serħan tiġġerra bla heda madwar ir-razzett, tistenna li tiġiha x-xorti li twettaq għamil ta' ħniena, u għal bosta snin mhux darba jew tnejn in-nies li f'xi lejla ta' qamar inzertaw għaddejjin minn ħdejn ir-razzett, raw bħal dell imdawwar bi bjuda mdennsa jħuf fit-triq jew jisseqqer madwar ir-razzett. Dak id-dell kien igħaddi bla ħoss u bla kliem, imma d-dehra tiegħu kienet tnissel niket f'qalb min jarah u tqanqal biża' u waħx li jġagħlu n-nies taħrab u tistmell dak il-post.

In-nies saru ma jaħmlux dak ir-razzett u baqgħu mgerrxin minnu u biex ma jarawx dik ir-ruħ imnikkta, il-bdiewa wara li jidlam kienu jtawlu t-triq biex jinġabru f'darhom, il-kaċċaturi ma kinux jersqu 'l hemm qabel jisbaħ, it-tfal kienu jgħaddu jiġru kemm jifilħu u l-kbar

li jkollhom bżonn imorru 'l hemm kienu jitħaxknu mal-ħajt ta' quddiem ir-razzett filwaqt li jgħidu xi ġakulatorja u jagħmlu salib quddiem ġbinhom.

* * *

Imbagħad ġiet il-gwerra u waqgħu fuq Malta ħerba u qirda liema bħalhom. Din il-Gżira sabet ruħha fl-eqqel tat-taqbid: il-għadu ma kienx jerħilha mument ta' mistrieħ, lejl u nhar kien jibgħat l-ajruplani tiegħu jwaddbu xita ta' balal li jġarrfu djar, jordmu nies, iħarbtu bliet u rħula u jħallu mewt u qirda tal-waħx.

Il-poplu kien qiegħed igħix jiem ta' biża', ta' tiġrif u ta' għaks. Kienu ħaffru kennijiet ġewwa l-blat li swew biex ħelsu mit-tiġrib lil ħafna nies, imma mhux kulħadd seta' jgħaddi l-ħin kollu mkennen taħt il-blat; il-ħajja ta' kuljum ħtiġilha tibqa' miexja u x-xogħol kellu jibqa' jsir biex il-pajjiż ma jaqax fix-xejn, għalhekk ħafna nies kellhom jibqgħu jħabirku u kuljum imorru fuq ix-xogħol tagħhom.

Żewġ ħaddiema, wara l-ħidma tal-jum, kienu sejrin lura lejn ir raħal għajjenin, imnikktin, magħdurin. Ix-xemx kienet niżlet u fis-sema ħiemed u dieħ, kien tfaċċa qamar kwinta mimli dawl u dija. F'daqqa waħda nstama' leħen is-sirena ġej mir-raħal iwissi lin-nies biex ifittxu l-kenn għax l-ajruplani tal-għadu kienu resqin lejn il-Gżira. Dak id-daqq tas-sirena nstama' qisu krib ta' erwieħ qerrieda, krib li jhedded, krib li jħeddel, krib li jkessaħ id-demm ta' min jisimgħu.

Iż-żewġ ħaddiema nħasdu, ħassew dehxa tiġri ma' ġisimhom kollu u minnufih ħarsu madwarhom biex jaraw fejn imorru jdabbru ras-hom, imma dak il-ħin sewwa beda l-isparar tal-kanuni, u nħassu t-twerdin ta' l-ajruplani, it-tvenvin tal-balal u t-tfaqqigħ tagħhom malli jaħbtu fuq djar u bini. L-art bdiet theżżeż, qamu sħab ta' trabijiet u nefħet fewġa ta' riħ sħun u qerriedi qisu nifs tal-mewt.

Iż-żewġt irġiel kienu fil-beraħ bla ebda ħajt ta' kenn, l-eqreb bini li raw fejn setgħu jeħilsu mix-xita ta' qirda li kienet nieżla mill-ajru, kien ir-razzett tal-fatat, u t-tnejn telqu jiġru għall-irdoss tiegħu; fit-telfa li kienu ma ġibux quddiem għajnejhom il-waħx li kien jaħkem fuq dik id-dar, imma malli qorbu lejha waqfu mbellhin għax raw dehra li kexkxithom u qajmitilhom ġisimhom xewk xewk: lemħu xbieha ta' ruħ imkebba f'liżar abjad, ħierġa mill-bieb magħluq tar-razzett, kienet merfugħa mill-art ittir qisha ġeżża suf sejra mar-riħ.

Dawk iż-żewġ ħaddiema tbikkmu, ħarsu lejn xulxin bil-ħatfa u minnufih telqu jiġru lura mwerwrin, iferfru idejhom u jaqbżu qishom żewġ għażżiliet maħrubin mil-lupu; imma ma damux ħafna jiġru għax f'daqqa waħda semgħu tvenvin ta' balal li tarrxilhom widnejhom u

fl-istess waqt ħassew it-triq togħla u titriegħed taħt riġlejhom, imbagħad għadda riħ sħun u qawwi li sabbathom ma' l-art u nstemgħu ħsejjes ta' tiġrif u ħerba li jwaħħxu.

Meta għadditilhom il-ħasda u refgħu rashom biex jaraw x'kien ġara, dawk it-tnejn min-nies raw li r-razzett kien sar borġ ġebel u tkexkxu għax allura ntebħu f'liema periklu ta' ħajjithom kienu jidħlu kieku baqgħu sejrin għall-kenn ta' dak ir-razzett: kienu jitilfu ħajjithom taħt ir-radam tiegħu. Id-dehra ta' dik ir-ruħ gerrxithom u reġġgħethom lura u hekk ħelsithom mill-mewt.

Ir-ruħ ta' dak il-bidwi misantropu li kien ħalla bniedem jitlef ħajtu, issa pattiet għan-nuqqas ta' qabel billi biegħdet mill-periklu tnejn min-nies li kienu resqin taħt il-minġel tal-mewt. Dik ir-ruħ ittormentata fl-aħħar sabet il-faraġ u daħlet fil-mistrieħ ta' dejjem.

* * *

Wara l-aħħar dehra ta' dik ir-ruħ ħadd ma ra aktar erwieħ jew fatati jħufu ħdejn dak ir-razzett imġarraf.

---

# B'SALIBI

*Ta'* Oliver Friggieri

Għalfejn nisħet salibi
bil-ħajja u Min tahieli
biex ngħixha bħalu?
Min għabba l-għuda tqila fuq spallejja
u qalli biex bla kelma
nimtedd u norbot magħha
lil ġismi u nibqa' fuqha sa ma għadmi
inħossu qed jinqala' u sa ma fija
ma nħossx aktar demm jiġri,
issallab qabli Hu.

Għalfejn nisħet salibi
bil-ħajja u Min tahieli?
Min qalli miet, 'mm għadu
isaltan fuq il-ħajja, il-qlub, iż-żmien.

Jekk Hu rebaħ b'salibu,
b'salibi nirbaħ jien.

17 ta' Settembru, 1965.

# META L-QALB MA TWEGIBX

*ta'* A. CREMONA

*(Jorbot mal-għadd ta' Settembru pp. 77-82)*

Iż-żiffa ta' riħ jonfoħ mill-majjistral kien naddaf is-sema għal kollox u d-dalma ta' filgħaxija kienet bdiet issewwed l-ajru fil-waqt li wiċċ il-qamar deher tiela' b'par għajnejn daqsiex iħares kollu mgħaġġeb x'ħin Mimì kienet ħadet b'idejn Victor, sellmitlu, kisret il-kantuniera ta' waħda mit-triqat ta' quddiem it-trunċieri tas-swar tal-Imdina, ħaffet il-pass u waslet quddiem bieb tal-ħadid. Hawnhekk ġibdet bil-ħeffa il-pum tal-katina ta' qanpiena u hekk kif infetaħ il-bieb, qasmet b'ġirja kbira l-mogħdija tal-ġnien, telgħet ukoll b'ġirja kbira t-taraġ ta' quddiem id-dar, u minn taħt loġġa għaddiet għal ġewwa l-intrata minn antiporta ta' żġieġ iffjurit u baqgħet dieħla fis-salott u ntefgħet fuq sufan. L-intrata u s-salott kienu mixgħulin, iżda l-bqija kien jidher kollu mudlam.

— Delina ! — għajtet Mimì hekk kif inxteħtet bilqiegħda. Massejħa ta' Mimì, Delina l-qaddejja, li kienet ġiet tiftħilha u baqgħet miexja warajha, dehret quddiemha.

— Il-papà għadu barra ? — staqsietha Mimì fil-waqt li neħħiet ix-xalla minn dwar għonqha.

— Iva, sinjurina — weġbitha l-oħra — għadu kif ċempel mill-Każin tal-Belt li biħsiebu jiddawwar għax mistieden għat-tè għand Maġġur Ingliż, ħabib tiegħu.

— U l-mamà ? —

— Qagħdet tistenniek. Qabadha wġigħ ta' ras u daħlet fis-sodda. Qaltli biex ngħidlek biex ma toqgħodx tistennieha għaċ-ċena.

— Raqdet ? —

— Iva, ma ħadetx ħlief ftit tè bil-ħalib.

Mimì baqgħet ħosbiena, kemmxet ħuġbejha u baxxiet rasha.

— Tiċċena, sinjurina ? — staqsietha Delina.

— Le — qabżet qaltilha Mimì wara li dehret bħal stenbħet — ma rrid xejn. Jien sejra norqod. Tellagħli ftit tè lili wkoll u x'ħin jiġi l-papà għidlu li tlajt norqod. — U kif qalet hekk, qabżet minn fuq is-sufan, telgħet it-taraġ b'ġirja, daħlet f'kamritha, neżgħet u daħlet fis-sodda. Delina wara ftit newlitilha kikkra tè.

Mimì ħabtet sa taqbad f'idejha ktieb ta' stejjer li fosthom kien hemm storja Svediża ta' Pär Lagerkvist: *The Lift that went down the Hell*", u li xtaqet targa' taqra, għax fiha ħasset xi ħaġa li

laqtitha u li fiha hija stess dehrilha li kellha xi sehem mill-ġrajja. Dak il-bieb tal-mina li kellu minn dak il-bieb tal-Infern, dak id-dlam... dik il-ħarba ta' dak ir-raġel ma' dik il-mara kemm tixbaħ lil dik li kienet għamlet ma' Victor dik il-lejla ġewwa l-mina tal-ferrovija; iċ-ċiera ta' dak ir-raġel mejjet, żewġ dik il-mara li deher lil dawk iż-żewġ maħrubin waqt li kienu fil-kamra ta' dik ix-xitana weħidhom, kemm tixbah lil dik iċ-ċiera kerha ta' Reggie meta kultant, wara li ħallew lil xulxin, kienet iġġibu quddiem għajnejha.

Imma l-ħajra li tarġa' taqra dik l-istorja marritilha, u ma riedet lanqas taħseb fuqha għax il-ħsieb tagħha kien qed ikexkixha, u warrbet il-ktieb minn quddiemha. Qabdet il-*Picture Post* li kienet soltu tqalleb u taqra qabel ma torqod. Iżda dik il-lejla ħassitha għajjiena u mdejqa, u ma kellha ebda ħajra li toqgħod tedha bil-qari; xorbot it-tè, tfiet id-dawl u għalqet għajnejha.

*
* *

Iżda għalkemm tfiet id-dawl qajla n-ngħas sata' jidħol f'għajnejha u jgħattilha dawk il-ħafna ħsibijiet koroh li bdew wieħed wara l-ieħor imewġu ġewwa rasha. U biex bħalkieku tkeċċi minn moħħha kull ħsieb li kien jarġa' jeħodha lejn dik il-mina s-sewda fejn dlonk f'dak id-dlam mal-leħen ta' Victor kienet donnha tisma' jidwi f'widnejha bħal għajta ta' tehdida bla ma tagħraf ta' min hi, hija kienet titqalleb minn fuq il-lemin għax-xellug u titfa' rasha bejn żewġ imħaded tar-rix.

L-arloġġ tal-knisja tal-kattidral kien daqq nofs il-lejl u t-tokki ta' dak id-daqq f'dik il-ħemda baqgħu jżarżru f'widnejha u jregħdulha qalbha. Fetħet għajnejha u waqqfet widnejha u dehrilha li semgħet 'il bogħod il-leħen ta' għajta twatwat, imbagħad minnufih il-ħoss ta' roti jkaxkru u jieqfu f'daqqa; wara ftit il-ħoss ta' bieb jingħalaq... passi telgħin it-taraġ... tpespis — ħoss ta' bieba tinfetaħ u tingħalaq... imbagħad sikta. — "Daħal il-papà", qalet f'qalbha. Fl-aħħar għajnejha marret biha u raqdet. Iżda r-raqda tagħha kienet ħolma fuq oħra; dlam, beraq, xita, rjieħ ivenvnu u jsaffru qalb il-friegħi ta' siġar jitbandlu, ġiri, agħjat u twerżiq. Fl-aħħar sabet ruħha f'mina, itterter bil-bard miexja fid-dlam, saqajha jgħaffġu u jgħoddsu fit-tajn u fl-agħdajjar, u Victor bi driegħu x-xellugi mħaddan ma' qaddejha u bis-swaba' tal-id jagħfsu ma' idejha filwaqt li b'idu l-leminija juri l-mogħdija... mexjin, mexjin, dejjem mexjin bla ma jitkellmu deħlin, dejjem deħlin ġo dik il-mina ta' bla tarf... donnhom imkarkrin minn xi mewġa qawwija li qiegħda ġġorrhom mal-wied iswed ta' dak id-dagħbien... bla ħadd minnhom ma jieqaf għax iħoss min jiġbdu dejjem il quddiem. Fil-bogħod dehret

bħal ħuġġieġa b'ħafna ilsna tan-nar minn wara rixtellu kbir tal-ħadid li dawlet il-mogħdija tal-mina. "Dak x'inhu?" — staqsiet lil Victor u ntasset miegħu. Victor ma tkellem xejn, ried jieqaf, ħares lejha b'wiċċ mibluħ, li fid-dija tad-dawl ta' dik il-ħuġġieġa, kien qisu maskra tal-ġibs; iżda baqa' miexi jagħfsilha qaddha b'idu fuq qalbha li kienet tiċċaqlaq bħal tuffieħa fuq fergħa ċkejkna fir-riħ, u jgħinha titkaxkar il quddiem bla ma jiftaħ fommu. Flaħħar waslu fejn ir-rixtellu. Is-sħana tan-nirien saħħnitilhom demmhom, imma qalbhom beqgħet ittaqtaq. Waqfu f'daqqa. Id-dawl qawwi ta' dik il-vampa għammxitilhom għajnejhom. Damu ma ntebhu fejn huma. Malli waqfu deher bniedem rasu mgħottija b'barnuża ħamra, liebes surtun aħmar fuq sidrija bajda bil-buttuni kbar tar-ram ileqqu u qalziet dejjaq aħmar ukoll, fuq daħru par ġwenħajn suwed ta' farfett il-lejl.

— "Merħba bikom", qalilhom u fetaħ bil-galbu r-rixtellu, fil-waqt li baxxa rasu u sellmilhom. Daħlu, iżda baqgħu jħarsu mistagħġbin u beżgħanin.

— "Fejn aħna?" — flaħħar staqsiet Mimì. Dak il-bniedem tal-libsa ħamra, bla ma tkellem xejn dlonk stedinhom b'idu il-lemenija biex jibqgħu mexjin.

— "La taqtgħux qalbkom" — qalilhom huwa u jurihom il-mogħdija — hawnhekk mhux ikrah daqskemm ipinġuh. Ibqgħu deħlin... Intom, nistħajjel, ma biħsibkomx iddumu wisq". Victor ħarrek il-pass u Mimì, imgeddsa u mqabbda dejjem miegħu ċaqalqet ukoll riġlejha.

Id-dawl tal-passaġġ kien aħmar skur jagħti 'l hawn 'l hinn fl-ikħal; l-art kienet miksija b'tapit aħmar dagħmi u mal-ħitan kien hemm bħal maskri tar-rġiel u nisa b'nar ilebleb mill-ħofor ta' għajnejhom, daqqa jgħajbuhom b'ilsienhom aħmar dieħel u ħiereġ u daqqa jċaqalqu xufftejhom donnhom iridu jbusuhom. Mit-twieqi kbar taż-żgħieġ leħħa ta' berqa kixfet ġlejjeb ta' friefet il-lejl kbar jittajru mas-smewwiet, ifittxu xi kenn.

Waslu f'sala mdawla b'miġmar tan-nar jagħti ġewwa ħawt tal-ħadid imqiegħed fuq tripied għoli fin-nofs... in-nar kien għoddu wasal biex jintefa... Is-saqaf u l-ħitan lewn iswed faħma u fuqhom maħżużin profili bojod ta' rġiel u nisa, tnejn tnejn, jittajru u xjaten bil-foxxna f'idhom jiġru warajhom.

— "Naħseb li dak huwa biebkom", qalilhom dak ir-raġel tal-libsa ħamra li baqa' miexi magħhom, u għaġġel jifthilhom bieb tażżgħieġ kemm xejn imdawwal. Għaddew minnu u telgħu taraġ dejjaq. F'nofs il-ħmejja ta' bieb ieħor, fl-aħħar tarġa, kien hemm imdendel fanal tal-ħadid jarmi dawl ikħal mgħaxxex mat-taraġ u mad-daħla ta'

kamra fejn, malli Victor u Mimì nifsu fiha, is-saqaf magħmul koppla iddawwal b'ħafna ilsna tan-nar ħerġin ilebilbu mix-xfar ta' gwarniċ madwar il-ħitan suwed faħma. Ir-raġel tal-libsa ħamra wassalhom sa bieb ieħor u ħabbat. "Wasalna!" qal u qagħad lura. Il-bieb tbexxaq u deher jittawwal wiċċ imkemmex ta' mara xiħa b'għajnejn b'ħalq imċarrat daħkani b'par xufftejn kbar koħol li kienu jħallu tidher żewġ ixdqa ta' ħmar b'tagħmira snien miksurin u mberrqin. Xagħarha mqanfed, iżda madwar iż-żewġt iqrun ta' fuq ġbinha kellha mibrumin żewġ malji tax-xagħar minn ġenb il-wieħed u l-ieħor marbutin b'żagarelli koħol magħmulin ċoff.

— "Ġuvnott u x-xbejba tiegħu; żewġ għarajjes friski, qabadhom il-maltemp, u daħlu jistkennew għandna" — qal dak ir-raġel tal-libsa ħamra hekk kif deher dak il-wiċċ ikrah ta' għaġuża.

— "Merħba bikom" — qaltilhom dik ix-xwejħa, għassa tal-bieb. "Ibqgħu deħlin f'dik il-kamra ta' hemm ġewnett għadhom kif żanżnuha lbieraħ żewġt itfal bħalkom, li laħaqhom il-lejl u ntilfu fil-wied ta' ħdejna u għaddew il-lejl magħna". Daħħlithom u saqet għal urajhom tofrok u tħabbat ma' l-art ħatba ta' zokk li kellha f'dejha l-leminija.

Huma u sejrin qasmu kuridur mudlam u dejjaq u semgħu bħal donnu minn taħt l-art id-daqq ħelu ta' waltz jitmewwet u raw jitbexxqu bibien li jagħtu għal ġewwa swali mixgħulin u taħt id-dija ta' linfi mdendlin mas-saqaf imdieheb irġiel u nisa b'rashom mgħottija bi braneż ħomor, imdendlin fuq spallejn ta' xulxin b'għajnejhom imbexxqa jgħumu fl-ajru imdaħħan fuq il-mewġ ta' lbies ħomor u ta' ċfuf u xalel jittajru bħal ħafna friefet fuq xi għalqa tal-pepprin... Minn wieħed minn dawn il-bibien deher ħiereġ bniedem liebes kollu l-iswed, ibexxaq il-bieb u jieqaf iħares lejhom; wiċċu bħal maskra bajda tal-karta pesta u minn xufftejh ħierġa bħal tnixxija ta' ilma iswed. Hekk kif waslu f'tarf il-kuridur, infetaħ bieb u sabu ruħhom ġewwa kamra li kienet imdawla b'lampa b'paralum dagħmieni li kienet tixħet roqgħa dawl aħmar skur fuq mejda tonda mgħottija b'tapit ikħal. Mal-ħajt ta' biswit bieb li jagħti għal kamra kien hemm divan. L-irkejjen kienu mudlamin. Victor u Mimì nxteħtu fuq id-divan u qalbhom baqgħet ittaqtaq. U fil-waqt li dehrilhom li sabu daqsxejn ta' rokna fejn setgħu jistejqru u bil-mod il-mod jitħennew b'xulxin, fil-waqt sewwa li kienu insew il-waħx ta' dak iddegħbien ta' dlamijiet jitwennsu b'xulxin, il-bieb tbexxaq u daħal imqit imqit dak ir-raġel tal-libsa sewda; mexa bil-pass meħjut bla ebda ħoss, għajnejh ċassi jħarsu dejjem il quddiem. Il-bjuda tal-maskra ta' wiċċu kienet dik ta' mejjet li qam mill-qabar. Malli resaq lejn il-mejda, wiċċu mtela dawl aħmar dgħamieni, waqqaf il-

ħarsa tiegħu fuqhom, u xħin tħarrek u medd il-pass tiegħu biex jarġa' lura, baqa' iħares lejhom sakemm wasal minn fejn kien daħal, fetaħ il-bieb u għab.

Victor u Mimì nħasdu, ħarsu lejn xulxin, inbelgħu, iżda ma damux ma reġgħu ħadu r-ruħ. Victor trekken ma' Mimì, idejh f'idejha, u Mimì bil-banda l-oħra, li kienet għadha tirtogħod bil-ħasda li ħadet, ma stmerretx li titrekken ma' seħibha u tgħożż il-wens tiegħu.

— "Imxi mmorru f'dik ir-rokna, hemm ħadd ma jarana" — qabeż sefsilha f'widnejha Victor — Hawnhekk qed inħoss il-bard".

— "Le" weġbitu minn taħt il-lsien Mimì — Hemmhekk hemm wisq dlam, u nibża'... Dak ir-raġel jinduna li m'aħniex hawn u jiġi jsibna f'dak id-dlam... Ma tarax kemm dam iħares lejna? — U siktu.

Wara ftit kif kienu sa jagħlqu għajnejhom u jistrieħu mill-għaja li kellhom, ħassew bħal ħoss ta' bieb iżaqżaq. Fetħu għajnejhom. Ma raw 'il ħadd. "Victor" — staqsietu mbażżgħa Mimì, b'leħen imriegħed, "Dan x'ħoss hu?" — "Xejn" weġibha dak bla ma fetaħ għajnejh — "Dan ħoss ta' bieb minn kamra oħra".

Iżda Mimì beqgħet tissemma, bexxqet għajnejha, ħasset bħal żiffa riħ fuq wiċċha, u lemħet bħal dell għaddej minn nofs il-kamra. Bla ma kellha l-ħila tiftaħ fommha, ċaqalqet lil Victor. Dan fetaħ kemm xejn għajnejh... u kif Mimì reġgħet tatu ċaqliqa oħra berraq għajnejh. Kien dak ir-raġel tal-libsa sewda li raġa' daħal ħiemed ħiemed. Bil-pass meħjut bħal qabel resaq lejn il-mejda t-tonda, qiegħed idejh fuq it-tapit ikħal u waqaf taħt id-dawl dagħmieni tal-lampa jħares ċass lejn Mimì. L-ikħal ta' taħt għajnejh kien għadu juri xi sinjali ta' tbatija; iżda dik il-maskra bajda ta' wiċċu taħt dak id-dawl ħamrani tal-lampa kellha ukoll il-bixra ta' ħruxija u ta' tehdida. Mimì nħallet minn idejn Victor, intrefgħet minn dahar id-divan, fejn kienet mistrieħa, qamet bil-qiegħda, imwerwra, b'idha x-xellugija f'xagħarha u bl-oħra turi lil seħibha dik ix-xbieha li qiegħda theddidhom b'dik il-ħarsa li ma reditx titħarrek minn fuqhom. Hi bdiet tirtogħod minn rasha sa saqajha, u Victor baqa' jħares imbikkem.

— "Victor, Victor" infexxet tgħid ittemtem b'leħen maħnuq Mimì lil seħibha — "Dak min hu, kif qed iħares ċass lejna...... għaraftu?".

— "Min hu?" — staqsa b'leħen imriegħed l-ieħor.

— "Reggie!... Wiċċ Reggie! — reġgħet b'nifs maqtugħ Mimì, fil-waqt li baqgħet dejjem titrekken ma' Victor — "Jien qed nibża'. X'wiċċ ta' kadavru... X'mar għamel b'idejh!... Ħudni minn hawn... fittex ħudni minn hawn!".

Dak il-wiċċ tar-rħam baqa' jħares lejha iktar u iktar b'għajnejn imberrqin li jinfdu l-qalb. Xufftejh taħt id-dawl aħmar dagħmieni tal-lampa kienu ħadu lewn ikħal u minn ħalqu kienet ħierġa bħal tnexxija ta' demm iswed. Victor tħarrek u Mimì għamlet il-ħila tagħha u qamet. Dak ir-raġel ċaqlaq wiċċu u għab; id-dawl intefa. Infetaħ il-bieb tal-faċċata u d-dawl inemnem tal-lanterna f'tarf it-taraġ wriehom il-mogħdija ta' barra. It-tnejn, imqabbdin ma' xulxin, telqu jiġru; niżlu t-taraġ erbgħa erbgħa. ġew fil-kamra tal-ħitan suwed impinġijin irġiel u nisa jittajru, u bil-fixkla ħabtu mat-trepied tal-miġmar u l-art imtliet bi bċejjeċ tal-ħatab maħruqa u bi rmied, u l-arja bi dħaħen u riħa ta' xaħam u ġlud imdewba. Bil-qiegħda isfel, wara l-bieba, kien hemm imrekkna l-mara x-xiħa, l-għassiesa tal-bieb, li sellmitilhom b'ċaqliqa ta' rasha u taċ-ċfuf ta' qrunha, fil-waqt li kixfet ix-xedaq u daħkitilhom. F'tarf il-kuridur ħdejn ir-rixtellu ħabtu wiċċhom mar-raġel tal-libsa ħamra, l-għassies tal-bieb tal-mina, li fil-waqt li fetħilhom ir-rixtellu staqsiehom bid-daħka: "Hekk malajr? — Naħseb li għaddejtu siegħa tal-hena, hux tassew? — Victor u Mimì ħarsu lejh b'wiċċ miblugħ, u, bla ma fetħu fommhom sellmu xott xott u wrewh li kellhom mitt sena sakemm jitilqu.

— "Ħalli min jarakom", issokta jgħidilhom dak il-għassies, fil-waqt li b'idu l-waħda baqa' jżomm r-rixtellu miftuħ, u bl-oħra ixejjer qatta mfietaħ — "L-aqwa sakemm tidraw. Dan il-post m'għadux bħal dari. Fih daqsxejn tal-ħajr. Qegħdin nimxu maż-żmenijiet... Wieħed isib daqsxejn tal-hena, iżda mbagħad dak il-hena li jsib jitpatta wkoll b'daqsxejn ta' piena fil-qalb...... Saħħa u sellu għal sħabkom tad-dinja l-oħra u jgħidulhom jiġu joqogħdu!" — Ġerra r-rixtellu, sabbtu, dawwar il-muftieħ u sakkar.

Il-ħoss tat-tisbita tar-rixtellu u ż-żaqżiqa tal-egħluq tas-serratura ħasdu lil Mimì u ħassithom f'widnejha bħal leħen iżarżar ta' xi ħadd li ġie jqajjimha bil-herra minn nagħsa twila. Ċaqalqet rasha bħal meta wieħed irid ikeċċi xi ħsieb minn moħħu, għorqot għajnejha u fetħithom.

Mimì dawret il-ħarsa tagħha, qamet bilqiegħda fuq is-sodda u ntebhet li kienet qiegħda toħlom. Id-dawl fietel tax-xemx kien żelaq minn bejn il-persjani tat-tieqa u kiser id-dalma tal-kamra bi strixex bojod fuq iż-żgieġ tal-mera tat-twaletta u l-aħmar bellusi tal-kutra ikkuttunata tas-sodda. Delina kienet ħabbtet il-bieb, dawret il-pum tal-lukkett tal-bieba u bil-ħoss qajmet lil Mimì.

— "Sinjorina!" — sejħet.

— "Il-mamà qamet? — staqsiet Mimì, x'ħin fetħet għajnejha u stenbhet sewwa.

— Iva — qed tistenniek għat-tè.

— "Il-papà?"

— "Hareġ kmieni."

— "Kif? — Mhux hu li daħal bil-lejlnett? —

— "Iva, imma għodu għodu, sejħulu malajr.

— "Min?"

Delina resqet lejn xifer is-sodda u qaltilha bil-mod:— "Bagħtu għalih malajr, il-papà u l-mamà ta' Reggie."

— "Tassew? U għalfejn?"

— "Xi ħass ħażin ikrah."

— "Min?"

— "La teħux qatgħa...milli jidher Reggie."

Mimì qabżet mis-sodda, xarrbet wiċċha, libset il-kimono, ħarġet mill-kamra, niżlet tiġri t-taraġ u daħlet fil-kamra tal-pranzu.

Ommha kienet qiegħda fuq pultruna f'rokna tal-kamra tqalleb, iktarx biex tqatta' ż-żmien milli b'dehwa jew b'ħajra, l-*Illustrated London News*, bin-nuċċali f'għajnejha tistenna lil bintha tinżel għat-tè. Fuq il-mejda l-kbira tal-kewba kien hemm tliet kikkri fuq doily, it-tettiera bil-"*cosy*" fuqha, dixx bil-ħobż imqatta' krustini, butiriera, zukkariera tal-metall abjad u gallettiniera tal-kristall bil-biskotti.

Mimì qagħdet bilqiegħda quddiem il-mejda bla ma tkellmet.

— "Wara dawra hekk twila mal-ħbieb, nistħajlek ma kellekx ħajra tqum......Ilbieraħ iddawwart ma dħalt, milli jidher..." infexxet tgħidilha ommha bla ma ċaqalqet għajnejha minn fuq il-ktieb.

— Qabditni x-xita fil-ġnien tat-trunċieri u qgħadt nistkenn sakemm siktet ix-xita...Int irqadt kmieni mamà...Kif int?" qalet minn taħt l-ilsien Mimì hija u tressaq il-kikkra tat-tè quddiemha u tferragħ il-ħalib.

— "Għandi rasi tqila"—wieġbet ommha.

— "Jien domt ma rqadt, ma'..."

— "Għaliex?"

— "Ma nafx, noħlom il-lejl kollu...bejn nieqda u m'iniex... Il-papà fejn hu?

— "Sejħulu malajr"

— "Malajr?...Min?"

— "Il-familja ta' Reggie..."

— "X'ġara?"

— "X'ġara...dak li kellu jiġri, binti...Eh! x'tistenna. Hekk kellu jkun..."

Mimì mejlet rasha ħosbiena fuq idejha l-leminija.

F'daqqa waħda nstemgħet iċ-ċempila tal-antiporta, u, wara ftit, daħal il-missier, it-tabib Gustav, wiċċ ta' swied il-qalb u għajnejh miksurin. Martu refgħet għajneha minn fuq il-ktieb u ħarset lejh tistenna jgħidilha xi ħaġa. Imbagħad, wara li ratu jinxteħet, bla kliem xejn, fuq siġġu ta' ma' ġenb il-mejda u jagħti ħarsa minn taħt lil bintu li baqgħet b'rasha mgħaddsa ħosbiena... "Kif għadda?" staqsietu.

— "Ħażin"—weġibha, fil-waqt li resaq lejn il-mejda u xeħet rasu fil-keffa ta' idu x-xellugija kollu ħosbien... "Reggie ma jgħixx, il-velenu li xorob kien wisq qawwi, ħariġlu ħafna demm minn sidru... m'hemmx tama li jgħix..."

Mimì difnet wiċċha bejn idejha fuq il-mejda u nfexxet f'bikja.

---

# IS-SENA L-OĦRA

*Ta'* Pawlu Cachia

Għaddiet . . . .
    Għaddiet . . . .
    Spiċċat
    Mat-tifkiriet
    Tas-snin l-imgħoddija;
    Xejħet liż-żgħażagħ,
    Għarrqet lix-xjuħ,
    Kerrhet l-uċuħ
    Tas-sbieħ . . . .
    Mewtet il-ħajja
    Ġarrfitha fil-ġlied.

X'baqa' mis-sena:
    X-e-j-n . . . .
    Ġrajjiet koroh . . . . koroh . . . .
    Oħrajn ftit sbieħ:
    *Tebut Irmied.*

1. 1. 68.

# MA JDUMX ID-DLAM!

*Ta' ALFRED DEGABRIELE*

*Lil P. Leonardu M. Mahoney,*
*O.Carm., b'xhieda ta' mħabba.*

Nieżla bħalissa x-xemx
kif tafha int, ħabib,
qalb ħmura liema bħala
mifruxa kullimkien;
u l-ħlejjaq kollha,
donnhom bl-għeja,
ininu hekk, ftit ftit.
Raqad ir-riħ għal kollox,
ħlief daqqiet xi mewġa ċkejkna
lill-ħut tittanta,
sakemm hi tgħib ukoll . . . .
Fejnek, ja Riħ qerriedi,
li tul il-jum li għadda
għaddejt tiġġerra
fuq baħar blu miftuħ
bil-herra ta' ljun?
Għeb kollox;
u n-nies sejra lejn darha,
għaliex is-sirda nieżla
w tixtieq post aktar sħun.
Is-sikta tal-lejl riesqa,
u l-Qamar ġa qed hawn!

Dlam . . . . ħemda . . . . dieqa!
M'għadux id-Dawl isaltan:
intfiet ix-Xemx għal dejjem,
għal dejjem ġe' dal-jum;
u int, ja Dalma taqta',
ħadt post id-Dawl sabiħ . . . .
M'għadhiex il-għagħa tan-nies
w tal-ħlejjaq kollha
tinstama' b'ħena kbir
qed timla kullimkien! . . .
Ġe' dan il-waqt qed jaqa',
kif jaqa' għasfur milqut
minn kaċċatur bla ħniena,
il-hena . . . . W int, Dieqa,
mlejt qalb u ruħ kulħadd.

Hekk jiġri ta' kull lejla fil-għaxija,
x'ħin jasal jiġri l-Lejl
u jsellem għal darb'oħra 'l-Għodwa
tislim t'eluf ta' snin:
il-Jum igħib;
u l-Lejl jidħol minfloku . . . .
'Mma d-dlam ma jdumx! . . .
Id-dlam igħib ukoll!

Mulej!
Kull darba li fix-xefaq
narah il-jum qed igħib,
u mbagħ'd fil-għodu kmieni
qed jisbaħ f'temp sabiħ,
u s-Sema jidħak f'difa
bla sħaba bajdanija,
hawnhekk, f'sema Maltija,
ma' l-ewwel raġġ ta' ħajja,
u l-għanja ta' l-għasfur
fuq siġra
jew f'bejt titlajja,
timtela w tfur bil-hena
dil-qalb li żrajt ġe' fija.
Tfakkarni fiż-żmien tiegħi,
kif għab il-ferħ minn miegħi,
u sfat il-ħajja sbejħa
bħal siġra kollha friegħi
mingħajr il-ward sabiħ.
U bqajt ġe' dalma sħiħa;
u vojta w ħiemda qalbi:
mimlija biss bid-dieq! . . .
Iżd'int għaraft minn dejjem
kemm tesa' qalb bħal tiegħi,
w reġġajt għal qalbi l-hena,
u d-Dawl, bħax-xemx fil-għodu,
ma damx ma ġie!

* * *

Ħabib,
ma jdumx id-Dlam,
li tħossu jgħassrek
w ma jħalli fik xejn ferħ.
Hemm jum għal min iġarrab
salib mit-tqal tqal nett;

hemm jum għal min ix-xewk
jikber f'ġrajjietu.
Għal min għollieq
flok ward ħass f'ħajtu,
hemm jum sabiħ ukoll!
Tixxettel għal darb'oħra f'demmek,
demm sħun li ħass id-dieq!
il-hena ta' żmien ilu:
il-hena li ġrajjiet il-hemm ħadulek,
sa qatlu w taw bis-sieq!
Ma ddumx ma tara tielgħa f'xefaq ruħek
il-hena u ż-żerniq,
kif żernaq kull fil-għodu
id-Dawl li għab mal-lejl!
Ħabib, id-Dlam ma jdumx!
9. iii. 1963.

---

# FITTIXT DAR OĦRA . . .

*Ta'* A. CREMONA

F'żgħożiti jien baħħart
madwar xtajtiet ta' bejn art kbira u oħra,
u 'l hawn u 'l hinn għerien ta' gżejjer
laqgħuni minn mewġ ikreh,
u malli d-dalma niżlet
u għattiet il-kenn ta' dawn il-gżejjer,
il-qlugħ jien rajt
jaħarbu 'l bogħod 'il bogħod
tehdid ta' blat qarrieqi.
Fittixt dar oħra
f'dik l-art li m'hi ta' ħadd . . .
Hemm f'tarf il-port
għal ħaddieħor ħallejt
id-dawl wenniesi.
Lili tafgħuni 'l bogħod
ir-ruħ qalbiena tiegħi,
u ta' din ħajti
l-imħabba mnikkta.

Ottubru, 1968.

# L-AHHAR JUM TAL-KARNIVAL

*Essay ta'* KARMENU ELLUL GALEA

L-aħħar jum tal-Karnival. Għal xi wħud, dan hu jum li ma għandu x'jaqsam xejn mal-jiem l-oħra ta' matul-ek ja sena. Fih jaraw li għandhom ikunu iżjed ħielsa fl-ilbies, fil-kliem u fl-imġibiet tagħhom. Għalihom, dan il-jum, jew aħjar l-aħħar nofs ta' nhar, għandhom iwarrbu minn quddiem ħsebijiethom kull ħaġa li tfakkarhom fir-rażan u s-serjetà tal-ħajja. Jistħajluhom bħal dak l-għasfur fil-gaġġa l-jum kollu, u malli sidu jiġi lura mix-xogħol u jiftaħlu l-bieba biex ikollu iżjed wisa' fejn jittajjar u jħossu ħieles, donnu jiġġennen, jogħla u jdur mal-kamra ma jafx x'se jaqbad jagħmel bil-ferħ.

Għal oħrajn, l-aħħar jum ta' l-ibleh, hu xorta waħda bħall-jiem l-oħra li jdommu l-kullana tas-snin. Fih ma jaraw xejn li jaqta' iżjed mis-soltu ħlief il-ħarġa tagħhom sal-Belt tagħna biex jaraw id-differenza fil-karrijiet, fil-kostumi, fit-tiżjin tal-karozzini jew karrozzelli, u fil-għadd tal-baned bil-maskri grotteski, bejn did-darba u s-sena ta' qabel. Ħafna minn dawn it-talin qisu l-aħħar jum tal-karnival ma kienx ikun jeżisti għalihom li kieku ma kienx għax jisimgħu jew jaraw li l-ġara se toħroġ u tmur tara d-defile fil-Belt.

Dawn malajr jiftakru li hu l-aħħar jum tat-tlitt ijiem tax-xalar, u biex ma jkunux, jew aħjar biex ma jidhrux agħar minn ħaddieħor, f'radda ta' salib tarahom imlibbsa u b'kemm ilna ngħidu tilmaħhom jistennew fil-kju biex imorru jitħalltu mal-folol u r-rassa li jkun hemm fi Triq Irjali, jew Kingsway kif nafuha llum, jonkella filmedda twila li tpaxxi u sserraħ il-għajn ta' Triq il-Merkanti.

Hu x'inhu, l-aħħar jum tal-karnival, donnu jqanqal 'il-biċċa l-kbira tan-nies u mhux ftit mill-istabbilimenti tax-xogħol jagħalqu wara nofs in-nhar, u fejn jibqgħu miftuħa ftit li xejn tara ħaddiema. Għall-maġġurpart tal-poplu tagħna l-aħħar jum tal-bluha hu xi ħaġa differenti minn okkażjonijiet oħra, għad li llum kulħadd igħid b'ironija li s-sena kollha hi karnival. Għaż-żgħażagħ, dan l-aħħar jum jista' jkun forsi ta' xi ftit skomdu minħabba li s-swali taż-żfin ikunu iżjed mimlija u mballati minn dawk ta' fil-għaxijiet u ljieli oħra. Dawn il-fatti juruna l-qawwa u s-saħħa, is-seħer u l-manija li jaħkmu 'l-poplu f'dan iż-żmien.

Imma jekk għalina, u għal ħafna oħrajn, flimkien mal-bqija tal-poplu, l-aħħar jiem tal-karnival kważi dejjem kienu ta' l-istess lewn jew sura, mhux hekk kien l-aħħar tas-sena 1967. Din id-darba

wieħed sata' jara kuntrast bħad-dell mid-dija, il-lejl min-nhar jew id-dlam mid-dawl.

Fis-saltna tal-ġenn u tal-bluha ta' dis-sena li qed insemmu, dawn il-gżejjer kienu għaddejjin minn żmenijiet koroh u ta' taqlib u tibdil radikali fl-ekonomija tagħhom li l-konsegwnezi fil-ħajja soċjali u industrijali kienu jfissru mewt jew ħajja għan-nazzjon. Mhux waħdiet kienu dawk it-talin li wkoll fissru fehmithom fil-ġurnali biex minħabba dawn iċ-ċirkostanzi u l-kriżi li kienet riesqa, għal diddarba, il-festi ta' l-iblah ma jsirux. Dan kien intqal għal żewġ raġunijiet. Waħda kienet li l-poplu m'għandux moħħ dawn il-ħmerijiet. L-oħra sabiex isservi bħala protesta għall-mod kif kien qed jiġi ittrattat mill-Gvern Ingliż.

Il-poplu Malti f'dan l-aħħar jum tal-karnival ta' l-1967, kellu ma' wiċċu tehdida ta' eluf ta' ħaddiema bis-sensji, nuqqas ta' għajnuna fid-dħul nazzjonali, u fuq kollox l-irtirar u t-tluq tat-truppi Ingliżi u l-familji tagħhom, li trid jew tridx, bilfors kellhom jolqtu fil-laħam il-ħaj il-kummerċ u l-għajxien tagħna bħala poplu. Għax, ngħiduha kif inhi, għad li llum bil-jedd kollu ngħoddu ruħna b'nazzjon indipendenti u suvran, b'danakollu fid-dinja moderna u milħuqa tallum kull ġens ma jistax jgħix maqtugħ u għalih waħdu. U jekk dan ma jistgħux jagħmluh nazzjonijiet kbar industrijali bħall-Amerika, ir-Russja, l-Ingilterra u oħrajn, iżjed u iżjed hi ħaġa iebsa u tqila għal pajjiżna li għadu fit-twelid tiegħu għal dik li hija ekonomija u industrijalizzazzjoni.

Minkejja din il-kriżi, il-poplu donnu ried li jlaħħaq m'Alla u max-xitan. Filwaqt li kien imbikki u mdejjaq donnu ried ukoll bħal juri li jrid jidħak u jifraħ meta jkun żmien jew okkażjoni ta' hekk. Għax fuq kollox il-ħajja hi magħġuna u msawra b'dan il-mod. Forsi li ma kienx hekk kieku l-ħajja kienet tkun dejjem ta' swied il-qalb u mimlija monotonija. It-tiżwiq bħal qisu jagħti u jżejjen il-ħajja, biex ma ngħidux ukoll li jqawwi l-moral.

Wisq probabbli għalhekk li l-poplu qata' li f'dan il-karnival għandu jixxala u jitbaħrad bħal kieku ma kellu ebda biża' jew żmenijiet imwiegħra quddiemu. Illum donnha saret biċċa mill-ħajja li tisma' l-mużika waqt li tkun taħdem jew inkella x'ħin tkun tixxala tagħmel in-negozju. Hekk sejra d-dinja tallum, '*music while you work*' u '*business-cum-pleasure*'. U naħsbu li hi din il-għamla ta' psikoloġija li ħakmet lil niesna, u f'dan l-aħħar jum tal-karnival għamlitna qisna żewġ popli magħġunin f'wieħed bħalma ġie li rajna dawk il-kostumi tan-nofs raġel u nofs mara, jew naħa fqir u l-oħra sinjur, jonkella dak l-ieħor ta' ġenb xiħ u l-ġenb l-ieħor

żagħżugħ. Min ilumu lill-poplu jekk hu wkoll f'dan il-ħali ta' karnival ried jilbes ukoll nofs allegrija u nofs ħosbien?!

It-Tlieta filgħodu...... L-aħħar jum tal-karnival ta' l-1967...... Ngħid għalija li ma kinux xi karrijiet żarmati fuq Kastilja jew fil-foss ta' St. James, kont insejt għal kollox li dan kien l-aħħar jum ta' l-ilblah. Il-folla ta' Ingliżi li ngabret minn Malta kollha biex hi wkoll turi l-għaqda u s-solidarjetà tagħha mal-poplu Malti kontra l-aġir tal-Gvern Ingliż f'din is-siegħa ta' dwejjaq, ta' biki u tħassib kienet xi ħaġa mhux tas-soltu. Kienet ħaġa ġdida li qatt ma ġrat mhux biss f'Malta imma l-anqas fil-Commonwealth Ingliż. Ingliżi ta' kull età, irġiel u nisa, ommijiet bil-prammijiet, oħrajn għax morda jew immankati miġjuba fuq is-siġġu tar-roti kienu fl-ewwel ringieli ta' dan is-'*silent march*' ta' protesta. Bi strixxa wiesgħa quddiemnett bil-kliem "*Britons Stand Four Square with Malta*", jiġifieri li l-Ingliżi huma ħaġa waħda ma' Malta, mijiet u mijiet ta' wlied il-Brittanja bdew mexjin bil-mod il-mod. B'espressjonijiet li juru mogħdrija u simpatija, u fl-istess ħin li jqanqlu u jqawwu l-moral, telqu minn l-Arena ta' l-Indipendenza għal Strada Rjali, Triq il-Merkanti, id-Duke of York Avenue sa Triq Sant'Anna, il-Furjana, quddiem l-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli Ingliż.

Għall-poplu Malti, dan il-marċ ta' skiet, kien xi ħaġa kbira u li tqanqal il-qlub u tkebbes il-ħsieb. Għax x'hemm isbaħ milli fil-bżonn u waqt it-tiġrib tal-ħajja ssib min igħinek, ifarrġek u jimliek bit-tama? Kienet l-għaqda ta' poplu ma' poplu, ir-rabta ta' ġens ma' ieħor, is-solidarjetà ta' nazzjon ma' ieħor. Id-dehra fi Strada Rjali kienet tnessik li dak in-nhar kien l-aħħar jum tal-karnival. L-imħabba u l-ospitalità tradizzjonali imma dejjem ħajja u mħeġġa tal-Maltin bħal xegħlu f'daqqa, u mill-gallarijiet u mit-twieqi ma kontx tara ħlief fjuri friski u naturali mferrxin u mitfugħa fuq dawn is-'*silent marchers*'.

Għadni qisni qed narahom bħalissa lil dawk il-ħafna li matul it-triq bdew jixtru l-fjuri u jxerrduhom mal-wisa' tat-triq biex igħaddu minn fuqhom dawn il-ħbieb leali ta' ġensna f'din is-siegħa ta' hemm u ta' qtigħ il-qalb għan-nazzjon tagħna. U dak it-tixjir u t-tislim ta' l-idejn bħala sinjal ta' radd il-ħajr u qima lill-poplu Malti kien iġiegħlek tinsa li dawn kienu żewġ popli differenti jew, inkella li kien l-aħħar jum ta' l-ibleh. Huwa tassew minnu li Malta u l-poplu tagħha jafu jadattaw u jġibu ruħhom skond l-okkażjoni!

Kienet il-vera battalja tal-fjuri. Kienet il-qawma, it-taħbita u l-mixja ta' erwieħ kbar li għalihom id-dinja hi nazzjon wieħed. Il-qawwa ta' l-imħabba m'għandhiex fruntieri xi jżommuha u l-anqas

wesgħat ta' ibħra x'jifirduha. Il-bniedem hu x'inhu, u hu minn fejn hu, hu u għandu jibqa' dejjem bniedem. U l-miġemgħa tferrxet wara li ntemm il-kant ta' l-innijiet nazzjonali ta' dawn iż-żewġt ignus. Mhux żgur li s-sultan tal-bluha ma ħax għalih għax f'din il-għodwa ġie minsi u mwarrab xi ftit. Fuq kollox min kien ilumu li kieku minħabba din l-azzjoni jibqa' ġewwa, u wara nofs in-nhar ma ngawduh xejn!

Imma r-re tal-karnival jaf sewwa biex u minn xiex ibati l-poplu ta' dawn il-gżejjer, u li kieku kellha tgħaddi ta' rasu u jibqa' ġewwa, mhemmx l-iċken dubju li sena oħra kien jaqla' waħda kif imiss. Għalhekk qatagħha li jagħti twegiba lil dawk li ħaseb li matul in-nofs ta' nhar ta' filgħodu kienu warrbuh.

U donnu biex jara jekk għadux tassew maħbub u popolari, iddeċieda li jgħaddi kważi l-istess rotta minn fejn għaddew fis-skiet u fis-sogħba s-*silent marchers* ta' dak in-nhar stess filgħodu. U oħroġ il-għaġeb! Kellu laqgħa mill-kbar. Kull fejn tara biżibilju u geġwiġija ta' nies. Barra Putirjal, ħdejn Kastilja, Strada Rjali, it-Triq tal-Merkanti, quddiem il-Borża, u fuq kollox ma kienx hemm fejn toqgħod labra f'Misraħ il-Palazz. Holl xagħrek u ġib iż-żejt xi ċmoss kbir kien jaqla' fis-sena ta' wara li kieku kompla jwebbes fehmtu u baqa' waħdu għar-rdoss.

In-nies li filgħodu kienet titfa' u tferrex il-fjuri fuq dawk li ħadu sehem fil-marċ tas-skiet ta' l-Ingliżi residenti fostna u matul it-toroq mnejn għaddew, issa kienet iċċapċap lill-karrijiet iddekorati bit-tfajliet jew bit-tfal żgħar. Fl-entużjażmu, anki s-suttar ma kienx naqas lil xi karru jew karettun li mingħajr il-briju u l-għors tagħhom il-karnival kien jisfa' bħal xi ħaġa mejta, jew bħal xi wirja ta' l-arti profana grotteska jew inkella xi fashion parade ta' tfassil u tlellix ta' lbies ta' din l-okkażjoni.

U ngħid is-sewwa ftit u xejn smajt min jitkellem jew jikkummenta fuq dak li kien sar filgħodu...... dak in-nhar stess u wkoll fl-istess toroq. Donnu dik ta' filgħodu kienet xi ġrajja ta' mitt sena ilu jew iżjed. Tħossok tistagħġeb b'dan il-kuntrast fil-ħajja ta' l-istess nies u pajjiż fil-qabża biss ta' ftit sigħat. Forsi jkun hawn min igħid li l-ġenerazzjoni tallum m'għandhiex moħħ u ħin biex toqgħod taħseb u tirrifletti. Imbagħad fuq kollox mhux l-ewwel darba li smajt lix-xjuħ tagħna jtennu li b'mitt sena ħsieb ma tixtrix fejn toqgħod. Hemm oħrajn li malli jarawk xi ftit ċass jew ħosbien malajr jaqbżu fuqek u jwissuk li se tixjieħ jew tintemm qabel il-waqt. Dnub li għal dawn, il-karnival jew għall-anqas

l-aħħar ġurnata tiegħu, ma tiġġeddidx f'kull jum ta' matulek ja sena. Ikun hawn min igħidlek: imma dan xi jkun? Ġenn, ħolm, fantasija, poplu bla moħħ????......

Bla ma noqgħod nistaħba wara subgħajja jien inqisha u naraha bħala realtà jew biċċa mill-istess ħajja. Anzi napprezzaha u ngħożżha bħala ħaġa ta' siwi u meħtieġa fil-għajxien ta' poplu. Il-qawl Malti jgħidilna li kull ħin hu ħinu. Tħallatx ħaġa ma' oħra. Waqt il-ferħ ifraħ u f'ħin il-biki ibki u newwaħ. Il-ħażin u l-agħar ikun jekk allaħares qatt tifraħ waqt in-niket jew tagħli u jiddispjaċik waqt xi aħbar sabiħa u ta' fejda. Mhemm xejn ħażin f'li timxi u taddatta ruħek mal-bżonn u ċ-ċirkostanzi tal-ħajja. Il-ħajja hija dik li hi, jew li nagħmluha int u jien, dak u dik jew dan u l-ieħor. Is-sigriet u l-qofol tal-ħajja qegħdin f'idejk u f'idejja. Aħna l-atturi, u fuq kull palk dejjem sar u jibqa' jsir, id-dramm jew kummiedja, parodija jew traġedja li jħossu, iridu u jifhmu l-atturi.

Il-ħajja ta' kuljum hi frott miż-żerriegħa ta' ħsebijietna u l-għemejjel tagħna. Hija mera ċara daqs il-kristall ta' xewqat, għanijiet u ħidmiet il-bniedem. Il-bniedem hu dak li hu u jaġixxi u jimxi skond it-tagħlim, it-twemmin, id-drawwiet u l-karattru li jkun sawwar wara li jkun xorob u xtarr minn dawn l-għejun.

Għalhekk, f'dan l-aħħar jum tal-karnival ta' l-1967, jien rajt filpoplu Malti sens ta' proporzjon li jagħraf jagħżel u jnaqqi ħaġa minn oħra, u ħin minn ieħor. Jaf iġib ruħu skond il-waqt, u jqum għal kull okkażjoni. Fi ftit kliem, din mhix ħlief maturità u titjib mhux biss li tista' u għandha tmexxi 'l quddiem lill-poplu tagħna fit-triq tal-progress u l-prosperità, imma wkoll li tiġbed lejh u fuqu s-simpatija u l-ammirazzjoni tal-ġnus ċivili.

Min ma jħallatx ħaġa m'oħra u jagħmel kollox bil-ħsieb, f'ħinu u f'waqtu, hu tassew bniedem għaqli, meqjus u intelliġenti, kif fil-ħaqq u s-sewwa nħoss li hu u aġixxa l-poplu ta' dawn il-gżejjer fl-aħħar jum tal-karnival ta' l-1967!

# IL-HARBA TA' GESU' FL-EGITTU

## ĦRAFA TAL-PALESTINA

*Tar*-Rev. A. Tabone

Filwaqt li Ġesù, Marija u Ġużeppi kienu jinsabu fl-aħjar raqda tagħhom, l-Anġlu t'Alla niżel mis-sema, mar ħdejn Ġużeppi qajmu u qallu: "Isa, qum, Ġużeppi u aqbad lit-tarbija u 'l ommha u aħrab malajr lejn l-Eġittu għax is-Sultan Erodi dalwaqt ifittex għall-mewt lil Ġesù". U Ġużeppi, kif sama' l-aħbar kerha ta' l-Anġlu, qam minn friexu, qajjem lil Marija u lit-tarbija; rama' l-ħmar u lesta s-sorra u, fil-ħemda tal-lejl, bil-kwiet kollu, telaq għal għonq it-triq fejn ħabbarlu l-Anġlu. Imsejken Ġesù! Mhux biss li n-nies ta' Betlem ma ridux jilqgħuh fi djarhom fil-lejl tat-twelid tiegħu, imma issa l-kbar ukoll qegħdin jitturufnawh minn pajjiżu!

Meta dawn it-tlieta min-nies, fid-dlam ċappa, waslu ħdejn il-bibien tal-belt, żewġ għassiesa m'ogħla hawn, waqqfuhom u wieħed minnhom qallhom:

"Fejn intom sejrin dal-ħin f'dan id-dlam kollu?"

"Il-bżonn kbir u ta' l-għaġla li ninsabu fih ġegħilna nitilqu dal-ħin, ja sidi," wieġbu Ġużeppi.

"U inti, ja mara, x'għandek imgeżwer fi ħdanek?" staqsa l-ieħor.

Ġużeppi u Marija nħasdu u nqatgħu għal din il-mistoqsija u beżgħu. Imma, kif il-Madonna neħħiet il-għata minn fuq it-tarbija, tfaċċa bukkett ġilju abjad sabiħ u ta' fwieħa liema bħalha.

"Kollox sew", qalulhom l-għassiesa, "tistgħu tkomplu l-mixja tagħkom".

Il-mixja tat-tliet persunaġġi tas-sema kienet twila u mwiegħra għaliex is-suldati ta' Erodi kienu jistgħu jilħquhom sakemm jaqbdu l-art ta' l-Eġittu. U, balleċ, hekk ġara, għax kif is-Sultan Erodi ħareġ l-amar biex it-tfal subien ta' Betlem, minn sentejn 'l isfel, jiġu maqtula, is-suldati, meta semgħu li waħda familja kienet telqet inkiss inkiss minn dawk l-inħawi, huma wkoll, biż-żwiemel ħfief tagħhom, irħewlha jfittxuha. U kif il-familja qaddisa waslet ħdejn il-belt ta' Karjatsefer, Ġużeppi lemaħ mill-bogħod liż-żwiemel ġejjin itajru sħabiet tat-trab bil-ġiri tagħhom.

Dak il-ħin ukoll Ġużeppi lemaħ għar ċkejken fix-xaqliba ta' waħda mill-għoljiet ta' dawk l-inħawi u, donnu jtemtem urieh lill-Madonna u talabha biex imorru jistkennu fih sakemm igħaddu s-suldati. U kif Ġużeppi u Marija daħlu fil-għar bit-tarbija tagħhom, matul

il-għar kollu kibru s-siġar u bil-friegħi u l-weraq iffullati tagħhom ħbew għal kollox il-għar daqshekk li s-suldati baqgħu għaddejjin bla ma taw każ tagħhom.

It-tliet persunaġġi qaddisa, wara li strieħu u trejqu, ħarġu mill-moħba u komplew beżgħanin il-mixja tagħhom. Imbagħad qabdu wita kbira b'siġar għoljin u ħafna ragħajja jirgħu l-imrieħel tagħhom Dak il-ħin sewwa, wieħed bidwi li kien jiżra' l-qamħ u jaħrat l-għalqa tiegħu, kif ra lil dawk it-tlieta min-nies għaddejjin bil-ħmar minn ħdejn il-ħajt tal-għalqa, resaq lejhom u qallhom:

"Fejn intom sejrin, ħbieb tagħna?" U Ġużeppi, b'qalbu ttaqtaq, wieġbu: "Fil-bogħod, fil-bogħod, ħabib, għall-Eġittu, f'dik l-art li żmien ilu laqgħet fi ħdanha lil Ġużeppi u lil missirijietna."

"Mela għad fadlilkom xi tterrqu, u kemm sa tbatu, għax ikollkom tgħaddu minn inħawi fejn ma hemm xejn ħlief għollieq u ġebel. Imbagħad tridu taqsmu baħar ta' ramel fejn ma ssibux qatra ilma x'ti-xorbu jew frotta x'tieklu. Fil-ħorġa tiegħi għandi żewġ ftajjar u ftit ħalib frisk tal-mogħoż tiegħi; jogħġobkom teħduhom magħkom biex titrejqu bihom xi ftit sa ma taslu?"

"Bil-qalb kollha", qalulu Ġużeppi u Marija, "U Alla ta' Iżrael ikattarlek mis-sema ż-żrieragħ tiegħek."

U ħaġa tal-għaġeb il-għaliex kif Ġużeppi u Marija daru mal-liwja, il-qamħ beda jinbet u jikber f'daqqa u mtela biż-żbul lewn id-deheb lest għall-ħasda. U dak il-bidwi, meta ra dan l-għaġeb, inxteħet għar-kobbtejh jiżżiħajr 'l Alla.

Imma issa s-suldati reġgħu dehru ġejjin lura rekbin fuq iż-żwie-mel tagħhom; Ġużeppi lemaħhom ġejjin sa mit-trufijiet ta' dik il-wita. Għalhekk reġa' lura hu wkoll bil-għaġla u daħal qalb dak il-qamħ għoli flimkien mal-familja u l-ħmar tiegħu. U meta s-suldati waslu ħdejn il-bidwi li kien donnu se jtir bil-ferħ li kien ġralu, staq-sewh jekk, għal li jista' jkun, kienx ra xi familja għaddejja minn dawk l-inħawi.

"Iva", qallhom il-bidwi.

"U meta rajtha għaddejja lil din il-familja?" reġgħu qalulu.

"Meta? Meta kont niżra' dan il-qamħ mimli u mlaħħaq għall-ħasda".

"Mela ilha li għaddiet," qalu f'qalbhom is-suldati, u bla ma sell-mu jew għamlu mistoqsija oħra, is-suldati komplew, imgħaġġlin, il-mixi tagħhom. U wara ftit li għabu, il-persunaġġi tas-sema ħarġu minn qalb il-qamħ u komplew il-mixja tagħhom. U mxew, imxew sa ma laħqu d-deżert ta' Bersabea fejn ma tarax ħaġ'oħra ħlief ramel u sema. Minn fejn sa jgħaddi Ġużeppi bil-ħmar tiegħu jekk xejn ma kien juri t-triq għall-Eġittu? Imma l-Anġli tas-sema li mexxew ir-ragħajja ta'

Betlem u s-Slaten Maġi sa l-għar li fih twieled Ġesù, issa mexxew ukoll lil Ġużeppi qalb ir-ramel li kien jittajjar mal-buffuri tar-riħ li jifga u jaħraq l-għajnejn.

U baqgħu mexjin, mexjin, bil-qajla l-qajla, bil-għatx, għajjenin, ħosbenin u beżgħanin; u baqgħu mexjin sakemm, fil-ħames jum, laħqu u daħlu f'ħarġiet kbar mimlijin bis-siġar tal-palm mgħobbijin b'għenieqed kbar tat-tamal safrani bħad-deheb, misjur, bnin u ħelu.

U sewwa sew dak in-nhar stess li dik il-familja qaddisa rifset l-art ta' l-Eġittu, il-kiefer Erodi sejjaħ lis-suldati tiegħu u, b'għajnejh imberrqa u b'leħen għoli, staqsiehom u qallhom:

"Qdejtu intom kif imiss u bir-reqqa l-amar li tajtkom?"

"Iva, ja Sultan, tista' sserraħ rasek għax it-tfal subien kollha ta' Betlem, minn sentejn 'l isfel, sa lanqas wieħed, biċċirniehom, kif amart inti, ja Sultan kbir, b'dawn ix-xwabel ippuntati tagħna".

Imma l-msejknin suldati ma kinux qed igħidu s-sewwa kollu; kienu mqarrqin għax fost it-tfal kollha ta' Betlem kien hemm wieħed, wieħed biss, li ħeles il-qilla ta' Erodi, dak l-istess wieħed li kien ifittex is-sultan għax ħaseb u beża' li Ġesù kien sa jeħodlu s-saltna tiegħu.

---

# EĦLISNI, GĦAJN TA' TJIEBA

*Ta'* P. ALB. SAMMUT O.F.M. Conv.

Għebu t-twal jiem u għeb il-bniedem magħhom,
Iż-żmien biddillu ġismu f'dak li satru.
Fis-skiet imsieħeb tiegħja biex jismagħhom
iżarżru t-trombi u jitlaq għand Min ħatru.

Imur biex jieħu l-ħlas għax hekk kien wiegħdu:
li jtih skond xogħlu; m'hemmx nuqqas jew żieda.
Jieħu li ħaqqu: il-kastig li jriegħdu
jew ferħ dejjiemi. Jgħodd kif temm il-ġlieda.

U jien ukoll, Mulej, quddiemek nidher.
Timsiex, nitolbok, kemm batejt għalija.
Agħmel bil-ħniena l-ħaqq mir-ruħ li tidher
quddiemek, għaliex b'Demmek ġiet mifdija.

Sabiex tifdina ġejt mis-sema f'artna.
Noqtluk ħallejtna u, miegħek sħab, Marija.
It-tnejn ġarrabtu; ftakar illi ħtartna
qabel id-dnub, biex ngħixu fit-tgawdija.

# ĠMIEL ?

*Ta'* JOSEPH SCIBERRAS

Minn kull fejn tgħaddi tiġbed fuqha l-ħarsa
ta' bosta u bosta għajnejn.

Tfajliet oħrajn jixxennqu ġmielha u jgħiru
għax xewq'thom hi għalxejn.

Titfaħħar għal għajnejha kbar u suwed
jilmaw b'nar iż-żgħożija,

u mħabba fihom biss titqiem it-tfajla
bħal alla tas-sbuħija.

Titfaħħar għal ġmiel xux'tha sewda tuta
mitluqa għal fuq spallejha

qisha gwarniċ sabiħ maqtugħ ħa jdawwar
il-ħmura ta' ħaddejha.

Xofftejha lewn il-qroll ukoll jitfaħħru
bla tarf u bla waqfien,

u jagħtu gost, x'ħin juru mat-tbissima
kemm bojod huma s-snien.

Suritha qisha statwa bl-akbar reqqa
minquxa minn skultur,

ma fiha ebda nuqqas jew dell ta' kruha:
ġmiel biss fiha miġbur.

Sa hemm jaslu l-għajnejn. 'Ma 'k jinżlu 'l isfel
sal-qalba tal-qalb tagħha

isibu li għajb dnubha bl-akbar ħeffa
minn dal-ġmiel ineżżagħha.

# RECENSJONIJIET

## Lino Spiteri, "TAD-DEMM U l-LAĦAM U STEJJER OĦRA". Union Press, 1968, pp. 98.

Lino Spiteri huwa wieħed minn dawk il-kittieba żgħażagħ li, għad li nxteħtu kmieni fil-kurrent qawwi tal-qiegħa politika, wieżnu l-ħidma tagħhom f'dan il-qasam bil-ħeġġa xejn inqas żagħżugħa għall-kitba letterarja u, mill-1959 'il quddiem, bdew ixandru rakkonti, buzzetti, novelli u essays fil-paġna letterarja ta' **Il-Helsien**. Minn dak iż-żmien 'il hawn uħud minn dawn il-kittieba, bħal Alfred Massa u Theodore Sammut, issuktaw fit-triq tal-kitba, imma Lino Spiteri huwa l-ewwel wieħed fosthom li ġabar l-istejjer tiegħu fi ktieb għalih.

Il-ktieb jieħu ismu mill-ewwel novella **Tad-Demm u l-Laħam** li kienet inkitbet għal Jum l-Omm u li dehret fil-**Helsien** tat-13 ta' Mejju, 1961, flimkien ma' din id-Dedika: "Fid-dinja hawn ħafna li l-kelma "għarukaża!" tiġi ħafifa wisq għal ilsienhom: anzi donnhom ikunu jistennew l-iċken ċans biex igħiduha, ħalli waqt li jmaqdru lil ħaddieħor minn għalihom juru kemm huma twajbin huma. Hawn ħafna wkoll li jitkażaw bil-kif u jiskandalizzaw ruħhom meta jsiru jafu bl-iżbalji ta' ħaddieħor. Ma għandhomx għalfejn: aħna lkoll tad-demm u l-laħam. Kull wieħed jew waħda minna jiżbalja xi darba. L-unika differenza hi li min l-iżball tiegħu ssir taf bih id-dinja kollha u allura jiġi mpinġi bħala "ħażin" u min l-iżball tiegħu jibqa' mistur u b'daqshekk jibqa' meqjus bħala "tajjeb". Għall-okkażjoni ta' Jum l-Omm nixtieq niddedika din in-novella lill-ommijiet mġarrfa, ommijiet xejn differenti minn ommijiet oħra. Lilhom niddedika dan ix-xogħol fqajjar tiegħi: u fl-istess ħin infakkar lil kull min jaħseb li hu qatt ma jiżbalja u allura jkun ħafif jiskonġra lil ħaddeħor, li Wieħed biss għandu d-Dritt jagħmel il-**Ġudizzju**".

Ġibnieha sħiħa din id-dedika għaliex tiswa biex iddawwal xi ftit dik il-biċċa mill-ħajja li Spiteri jurina fin-novelli tiegħu. Il-ħarsa hija iffokata iżjed fuq l-ikrah milli fuq is-sabiħ, fuq il-ħażin milli fuq it-tajjeb. U dan il-ħsieb li minnu tnisslet l-ewwel novella, u li milli jidher jagħtih ġewwa lill-kittieb, sewa wkoll biex fuqu bejn wieħed u ieħor inbnew novelli oħra b'sitwazzjonijiet psikoloġiċi fini li juru naħiet oħra ta' dan il-problema. L-iżjed li jiġuna f'moħħna waqt li qed niktbu huma **Il-Mixli Sieket** u **L-Armla.**

Motiv ieħor li jħaddem iżjed minn darba f'dan il-ktieb huwa l-moħqrija ta' l-annimali; aqra, ngħidu aħna, **Par Ħamiem, Kelb u Ġurdien.**

Il-kwadru tal-ħajja li Spiteri jpinġielna fih ħafna kuluri: issa nilmħuh ikkargat biċ-ċaħda u bil-moħqrija; issa mżewwaq bil-kuntrast ta' l-inġustizzji soċjali, jonkella mdennes bil-ħdura tal-għira li tgħawwar saħansitra l-qlub ta' l-aqwa ħbieb. In-nies tal-ġrajja huma karattri li niltaqgħu magħhom jien u int u kull wieħed minna, u wieħed iħoss li huma marbutin ma' l-ambjent soċjali Malti b'mod li dak li qed taqra donnu ma setax jiġri ħlief f'dawn il-gżejjer. Dan jinħass ukoll meta

s-suġġett ikun miksi bi star simboliku, bħal **Id-Dieqa** u **Le, Missier Le.** U dejjem, tista' tgħid, minn qalb il-miżerja u n-nuqqasijiet tal-bniedem, ifeġġ dawl ta' tama, imwieżna bit-twemmin tal-kittieb li fl-aħħar mill-aħħar il-bniedem qatt mhu ħażin kollu kemm hu, għax kulħadd, iswed kemm ikun iswed, għandu ħajt tal-kenn. U minn banda, dan huwa sewwa sew il-messaġġ li joħroġ minn dawn in-novelli.

Għax Spiteri ma kitebx biex ikun kiteb biss. Iktar minn ħafna oħrajn li qegħdin ituha għall-kitba, jidher li jagħti każ u jrid li dak li jikteb joħroġ b'libsa letterarja xierqa, mhux bla sura, jew bla ebda ħjiel ta' arti kif titlob il-kitba. L-effett ta' dan sewa, fil-fehma tagħna, biex ma jitlax fil-wiċċ l-element ġurnalistiku li, kieku, kien jispikka żejjed mhux biss fit-tiswir tal-ġrajjiet miktuba f'dan il-ktieb, iżda iżjed u iżjed fl-egħluq drammatiku ta' xi novelli, fil-kuntrast sħiħ bejn karattru u ieħor, bejn klassi soċjali u oħra, imdaħħlin biex jippruvaw it-teżi li l-kittieb ikollu f'moħħu dak il-ħin.

Donnu biex ifakkar illi l-faqar u l-miżerja li jikteb fuqhom jinsabu magħna, u mhumiex ħwejjeġ ta' tliet mitt sena ilu, Spiteri jislet is-suġġetti tiegħu mill-ambjent soċjali tal-lum kienet karrozza tal-linja jonkella blokk flats jew il-galoppini tal-politka. Imma, kif għidna, Spiteri jipprova jagħti lewn artistiku imqar lill-ikreh ħaġa. Il-**pathos** qatt ma jinżel għal-livell ta' **bathos.** Il-poeżija tal-faqar narawha fl-aqwa tagħha fil-kwadru tal-familja ferħana tal-bajjad fqajjar f'**Sinjur u Bajjad,** fil-għaqda u l-hena mnisslin mis-sagrifiċċju volontarju biex, ngħidu aħna, jinxtara rigal lill-omm ta' familja fqajra f'**Ulied u Omm.** Kultant, bħal f'**Par Ħamiem,** jogħla 'l fuq mir-realiżmu għeri u jilħaq livell ta' sentiment u fantasija poetika li tagħti tifsira ġdida lill-kitba. U hija sewwa sew din in-nota poetika fil-mod kif Spiteri jikteb fuq ħwejjeġ l-aktar komuni u prożajċi li tagħżlu minn kittieba oħra ta' stejjer mibnijin fuq ir-realiżmu tal-ħajja.

Nittamaw li Spiteri jibqa' jikteb u jagħtina kotba oħra ta' stejjer. Jagħmel tajjeb jekk fil-kitba tiegħu għal li ġej joqgħod ftit iżjed attent għal xi żbalji fl-ortografija, kliem mhux maħdum skond il-grammatka jew mhux użat f'postu li jolqtu l-qarrej f'dan il-ktieb u li, kif qal Ġużè Chetcuti wara li semmieħom b'ton kostruttiv f'**It-Torċa** (29.9.68) "mhumiex b'danakollu ħlief qatra ilma mdardra f'għadira li fuqha tilma u tleqq ix-xemx ħanina".

Ġ.C.P.

**"NOTI TA' ORJENTAMENTI PASTORALI".** Minn Patri Feliċjan Bilocca, Kapp. Malta, Seraphic Press 1968.

Patri Feliċjan Bilocca, tal-Kappuċċini, li hu magħruf għall-ħidma tiegħu fl-appostolat reliġjuż, ħareġ dan il-ktieb biex iservi bħala tagħrif u tagħlim lil dawk li jinteressaw ruħhom fl-orjentament pastorali li ħadet il-Knisja wara l-Konċilju Ekumeniku.

Wieħed mill-aqwa proġetti li tfasslu fil-Konċilju Vatikan II kien dwar is-sehem li għandu jkollhom l-insara kollha bħala poplu ta' Kristu fix-xandir ta' l-Evanġelju u fit-tħabrik tal-Knisja għall-paċi u għas-sliem fost il-bnedmin.

F'dan il-ktieb hemm imfisser kulma wieħed jista' jagħmel, jew kif jista' jgħin, skond il-kapaċità jew l-inklinazzjoni tiegħu. Il-prinċipju hu li kull nisrani jew nisranija jistgħu jekk għandhom rieda tajba, jagħmlu xi ħaġa għall-ġid u għar-riżq ta' għajrhom. Ħafna jaħsbu li ma hemmx post għalihom fil-ħidma tal-Knisja u għalhekk jibqgħu bħala spettaturi mhux bħala atturi, fl-opra benefika li twettaq il-Knisja mqaddsa dejjem u bla serħan.

Dan il-ktieb juri li kull klassi tas-soċjetà, foqra u għonja, dawk ta' ħa ta' ruħ imkebba f'liżar abjad, ħierġa mill-bieb magħluq tar-razzett, biex ixandru l-Kelma tal-Mulej u jġibu l-paċi ta' Kristu fost il-popli tad-dinja.

Dak li jolqotna f'dan il-ktieb hu li l-awtur mhux biss isemmi l-ħidmiet li jistgħu jitwettqu minn nies diversi, imma hu jagħti regoli jew normi li wieħed għandu jimxi fuqhom biex jirnexxi fil-ħidma tiegħu. L-awtur jispjega wkoll l-iskop ta' bosta mill-attivitajiet fil-ħidma pastorali u jfisser kif għandha tkun l-imġiba ta' min jidħol għal dawk l-attivitajiet.

Biex din il-biċċa xogħol ma jkun jonqosha xejn, l-awtur iġib ukoll lista ta' kotba li minnhom wieħed jista' jitgħallem u jissaħħaħ fil-vokazzjoni tiegħu ta' min ifaħħarha.

Ġ.

**"QORMI'S GOOD FRIDAY PROCESSION"** — By Rev. Joachim Schembri, B.A., Lic.D., Lic.S.Script. — Empire Press, Malta, 1968. Paġ. 16.

Il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' Ħal Qormi llum saret waħda mill-aqwa spettakoli reliġjużi tal-Gżejjer tagħna u għalhekk kull sena, għadd kbir ta' stranġieri, speċjalment Ingliżi, imorru Ħal Qormi jaraw dik il-purċissjoni, u kollha jieħdu pjaċir u jibqgħu jaraw dak l-ispettaklu grandjuż mill-bidu sat-tmiem, u juru interess kbir fih, u jixtiequ jkunu jafu dwar il-vari u l-persunaġġi li jieħdu parti. Minħabba f'hekk kienet tinħass il-ħtieġa li jinkiteb xi tagħrif dwar il-purċissjoni biex jissodisfa lill-eluf ta' stranġieri li jmorru Ħal Qormi għal dik l-okkażjoni.

Din il-biċċa xogħol indaħal għaliha Dun Ġwakkin Schembri, qassis żagħżugħ mimli għerf u ħeġġa, li kiteb bl-Ingliż deskrizzjoni dettaljata ta' kulma jidher u ta' kull min jieħu sehem fil-purċissjoni.

Il-ktieb mhux biss jiddeskrivi, iżda jfisser ukoll is-simboliżmu, ir-riferenzi u l-kwotazzjonijiet bibliċi, u t-tagħlim li wieħed josserva f'dik il-wirja ta' Fidi.

Il-ktieb hu miktub b'Ingliż tajjeb, stil ħafif u mexxej, stampa ċara u jissodisfa lil kull min jiġi f'idejh. Xtaqna rajnieh imżejjen bi stampi u b'ritratti, u naħsbu li kieku joħroġ bil-Malti wkoll jinqara bil-gost u jkun ta' fejda lil ħafna Maltin.

G.

## WERREJ TAS-SENA 1968

a.c.
Robert Mifsud Bonnici ... ... ... ... ... ... facċ. 50

ABELA, Dun ĠUŻEPP
*Għada* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 99

AGIUS, MARIO
*Lill-Bandiera Maltija* ... ... ... ... ... ... ,, 90

AGIUS, MIKIEL
Dwar il-kelma "Qalfat" ... ... ... ... ... ... ,, 27
Kemm hu Qadim il-Malti ... ... ... ... ... ... ,, 52

AGIUS MUSCAT, ANTON
Taħdita fil-Forum dwar il-Letteratura Maltija ... ... ,, 8

AKKADEMJA TAL-MALTI
Ħidma ta' l-Akkademja tal-Malti ... ... ... ... ,, 4
Forum dwar il-Letteratura Maltija ... ... ... ... ,, 6

ATTARD, EMANUELE
*Daħla* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 92

BORG, ĠORĠ
*Il-Qamar Fuqi* ... ... ... ... ... ... ... ,, 51

BUTTIGIEG, ANTON, B.A., LL.D., M.P.
*L-Imdina* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 34

BUTTIGIEG, LOUIS
*Belħieni* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 43

CACHIA, PAWLU
*Is-Sena l-Oħra* ... ... ... ... ... ... ... ,, 111

CAMILLERI, Dun FRANS
*Dawl Ċkejken* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 76

CARUANA, PETER A.
Taħdita fil-Forum dwar il-Letteratura Maltija ... ... ,, 17

CASSOLA, Kav. ALBERT M., F.I.L., O.S.J.
Is-Siġar ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 84

CILIA, G.A.
Pensjonant ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 24, 57

COLEIRO, CHARLES
Taħdita fil-Forum dwar il-Letteratura Maltija ... ... ,, 19
Iva Le ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 66

CREMONA, A., D.Litt.
Meta l-Qalb ma Tweġibx ... ... ... ... ... ... ,, 77, 104
*Fittixt Dar Oħra* ... ... ... ... ... ... ... ,, 114

DEGABRIELE, ALFRED, B.A.
*Ma Jdumx id-Dlam!* ... ... ... ... ... ... ,, 112

EDITUR
Is-Sur Robert Mifsud Bonnici, P.E.P. ... ... ... ... ... ,, 3
Quddiesa għal Ruħ il-Membri Mejta ... ... ... ... ,, 22
Id-Dedikazzjoni "Pro Ecclesia et Pontifice" lil
Robert Mifsud Bonnici ... ... ... ... ... ... ,, 22

Ix-Xandir: Radjo u Televiżjoni ... ... ... ... ... ... faċċ. 33
Ħidma ta' l-Akkademja tal-Malti ... ... ... ... ,, 65
Kitba tal-Malti fl-Imgħoddi ... ... ... ... ... ,, 97

**ELLUL GALEA, KARMENU**
L-Aħħar Jum tal-Karnival ... ... ... ... ... ,, 115

**FRIGGIERI, OLIVER, B.A.**
*Ħerba* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 83
*B'Salibi* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 103

**G.Z.A.**
*Ħsibijiet* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 35
Dak li Alla jrid għalih ... ... ... ... ... ... ,, 67

**GALEA, Prof. Dr. ĠUŻE', M.B.E., M.D., D.P.H., F.R.S.H.**
Ruħ Imnikkta ... ... ... ... ... ... ... ,, 100

**GUILLAUMIER, ALFIE**
Padre Ottomano ... ... ... ... ... ... ... ,, 72

**GULIA, WALLACE Ph., LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin.) Manchester, D.P.A. Lond.**
*L-Aħħar tas-Sena* ... ... ... ... ... ... ... ,, 23
*Għaddej iż-Żmien* ... ... ... ... ... ... ... ,, 75

**MIFSUD, PAWLU**
*Judith* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 36

**MUSCAT AZZOPARDI, ĠINO**
Xi kemm-il kwalità ta' KARTI hemm fil-Malti ... ... ,, 91

**PELLEGRINI, V.M., LL.D.**
*Id-Dell ta' Ruħi* ... ... ... ... ... ... ... ,, 44

**REĊENSJONIJIET**
Marzu ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 28
Ġunju ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 61
Settembru ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 93
Diċembru ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 124

**SAMMUT, P. ALB., O.F.M. Conv.**
*Eħlisni, Għajn ta' Tjieba* ... ... ... ... ... ... ,, 122

**SCIBERRAS, JOSEPH**
*Ġmiel?* ... ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 123

**SERRACINO-INGLOTT, ERIN**
In-Nisel tal-Frażi "Abba l-Wejda" ... ... ... ... ,, 45

**STEVENS. GEORGE**
Taħdita fil-Forum dwar il-Letteratura Maltija ... ... ,, 13

**TABONE, Rev. A., J.C. & Th.**
Il-Ħarba ta' Ġesù fl-Eġittu ... ... ... ... ... ... ,, 120

**THEUMA, P.P.**
*L-Univers* ... ... ... ... ... ... ... ... ,, 71

**ZAHRA, TREVOR**
*Żmien Modern* ... ... ... ... ... ... ... ,, 49

## TWISSIJA LILL-KONTRIBUTURI

Jiddispjaċina ngħarrfu li qed jasluna kontribuzzjonijiet għall-istampa b'ittri mitfijin li ma jingħarfux, fejn ukoll, l-ittri Maltin ma humiex immarkati b'dijakritiċi. Hekk ukoll insibu f'xi kontribuzzjonijiet miktubin bl-idejn. Dan hu xkiel kbir, sew għall-kompożitur ta' l-istamperija, kemm għall-Editur li jrid joqgħod jaħli ż-żmien isewwi l-kitba ta' manuskritti qabel ma jingħataw għall-istampa.

Jixraq l-ewwelnett li min juża t-'typewriter' ibiddel iż-żagarella meta din tiqdiemlu biex l-ittri jkunu jidhru ċari; it-tieni, fejn it-'typewriter' hi nieqsa mit-tipi Maltin, il-kontributur għallinqas jimmarkahom bil-pinna jew bil-'biro'. Hekk ukoll meta l-manuskritt hu miktub bl-idejn.

Aħna ma nixtiqux nibagħtu lura l-kontribuzzjonijiet minħabba n-nuqqas li semmejna biex tingħata kopja oħra iżjed xierqa, jew minħabba f'hekk niskartaw il-manuskritt. Ma nixtequx nieħdu dan il-pass.

## I N F A K K R U

Infakkru lill-Imseħbin f'"IL-MALTI" li l-abbonament (4s. fis-sena) għandu jitħallas bil-quddiem fil-bidu ta' Jannar u jinbagħat lit-Teżorier Onorarju, is-Sur VICTOR APAP.

---


"DIZIONARIO ARABO MALTESE ITALIANO"

di

D.G. BARBERA

Baqa' għall-bejgħ xi ftit kopji tad-dizzjunarju Malti ta' Barbera f'erba' volumi, jiswa £5.

Kull min jixtieq jixtri kopja qabel jispiċċaw, jikteb bla telf ta' żmien lill-Professur Rev. Dun Karm Sant, B.A., D.D., S.S.D., 8, St. Mary's Street, Tarxien.